Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Mejju 2018**
**(OR. en)**

**9476/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0171 (COD)**

**EF 150**
**ECOFIN 505**
**CODEC 882**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Mejju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 339 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-titoli koperti minn bonds sovrani |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 339 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 339 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.5.2018
COM(2018) 339 final

2018/0171 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar it-titoli koperti minn bonds sovrani

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2018) 251 final} - {SWD(2018) 252 final} - {SWD(2018) 253 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta għandha l-għan li tippermetti l-iżvilupp ta' suq immexxi mid-domanda ta' Titoli Koperti minn Bonds Sovrani (Sovereign Bond-Backed Securities, SBBSs), biex tappoġġa l-integrazzjoni u d-diversifikazzjoni fis-settur finanzjarju Ewropew, li jwassal għal Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar b'saħħitha u reżiljenti. Din l-inizjattiva tikkumplimenta elementi oħra tal-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali billi ttejjeb l-integrazzjoni, it-tnaqqis tar-riskju u d-diversifikazzjoni tar-riskju fis-sistema finanzjarja.

Mill-kriżi finanzjarja dinjija u l-kriżi tad-dejn tal-gvern fiż-żona tal-euro nkiseb progress konsiderevoli fl-istabbilizzazzjoni tas-settur finanzjarju tal-UE u taż-żona tal-euro u l-ħolqien tal-kundizzjonijiet għal aktar integrazzjoni, billi ġew implimentati regoli robusti prudenzjali u ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji. Dan ġara, fost oħrajn, minħabba riformi bħad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek[1], il-ħolqien tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku[2] u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni kif ukoll ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti Kapitali[3]. Madankollu, integrazzjoni u diversifikazzjoni ulterjuri tas-swieq finanzjarji mal-fruntieri nazzjonali għandhom il-potenzjal li jsarrfu f'Ewropa u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tagħha aktar reżiljenti minħabba diversifikazzjoni aħjar tar-riskju u lqugħ aħjar tas-shock permezz tas-swieq kapitali. Dan huwa l-għan tal-isforzi tal-Kummissjoni biex tapprofondixxi u tintegra iktar is-swieq kapitali Ewropej fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Madankollu, is-settur finanzjarju taż-żona tal-euro għadu vulnerabbli għar-rabta bejn il-banek u l-emittenti sovrani, jiġifieri r-rabta b'saħħitha bidirezzjonali bejn l-affidabbiltà kreditizja ta' gvern u dik tal-banek fil-ġurisdizzjoni tiegħu, li hija parzjalment dovuta għat-tendenza tal-banek li jikkonċentraw il-portafolli tal-bonds sovrani tagħhom fil-gvern tagħhom stess (l-hekk imsejjaħ "preġudizzju intern"). Il-potenzjal li rriżulta għad-destabbilizzazzjoni ta' kontaġju reċiproku u instabbiltà finanzjarja deher ċar matul il-kriżi tad-dejn tal-gvern fiż-żona tal-euro: id-deterjorament tal-affidabbiltà kreditizja tal-gvern iwassal, permezz ta' valuri baxxi tal-bonds, għal differenzi tal-karta tal-bilanċ għall-banek fil-ġurisdizzjoni tiegħu; min-naħa tagħhom, il-problemi tal-banek jagħmlu pressjoni fuq il-baġit tal-gvern jew direttament ("salvataġġ") jew permezz ta', pereżempju, dħul aktar baxx mit-taxxa minn attività mdgħajfa ta' kreditu u ekonomika. Lil hinn minn dawn ir-rabtiet mal-gvern tagħhom stess, il-banek jibqgħu wkoll esposti ħafna għal żviluppi ekonomiċi f'pajjiżhom (minħabba diversifikazzjoni transfruntiera insuffiċjenti).

Barra minn hekk, minkejja żieda fid-dejn pubbliku globali sa riċentement wara l-kriżi finanzjarja dinjija, naqset il-provvista ta' bonds sovrani ta' rata għolja ddenominati fl-euro, li jaġixxu bħala "assi sikuri' fis-sistema finanzjarja moderna. Fl-istess ħin, id-domanda tal-banek u ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra għal assi bħal dawn żdiedet, inkluż minħabba

---

[1] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

[3] Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

rekwiżiti regolatorji ġodda li jżommu bafers suffiċjenti ta' assi likwidi ħafna (pereż. f'termini ta' proporzjonijiet ta' kopertura ta' likwidità).

Bħala parti mill-isforzi tal-Kummissjoni biex tavvanza l-Unjoni Bankarja u tapprofondixxi l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, f'konformità mal-Karta ta' Riflessjoni ta' Mejju 2017 dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, u kif imħabbar fl-Ittra ta' Intenzjoni ta' Settembru 2017 li takkumpanja d-Diskors tal-President Juncker dwar l-Istat tal-Unjoni, u l-pakkett ta' approfondiment tal-UEM ta' Diċembru 2017, din il-proposta għandha l-għan li tipprovdi qafas li jippermetti żvilupp immexxi mis-suq tat-Titoli Koperti minn Bonds Sovrani (SBBSs).

L-SBBSs jinħolqu mis-settur privat. Entità tas-settur privat tkun tista' tiġbor portafoll sottostanti ta' bonds sovrani mis-suq u sussegwentement twaqqaf entità ġuridikament separata, u awtonoma, biex toħroġ lill-investituri serje ta' titoli li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq il-qligħ minn dan il-portafoll sottostanti. Id-diversi titoli maħruġa jġorru kwalunkwe telf mill-portafoll sottostanti f'ċerta sekwenza (jiġifieri, it-telf ikun dovut l-ewwel lid-detenturi ta' titoli subprivileġġat, jew subordinati, u wara li dawn it-titoli jkunu ġew kompletament imneħħija biss jkunu dovuti wkoll lid-detenturi ta' pretensjonijiet privileġġati).

L-SBBS ma joqogħdu fuq l-ebda kondiviżjoni tar-riskju jew reċiproċità fiskali bejn l-Istati Membri. L-investituri privati biss jikkondividu r-riskji u t-telf possibbli. L-SBBS għalhekk huma differenti mill-Eurobonds.

F'nofs l-2016, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (European Systemic Risk Board - BERS) stabbilixxa task force ta' livell għoli (minn hawn 'il quddiem, it-task force tal-BERS) biex jevalwa l-merti u l-fattibbiltà tal-SBBS. It-task force tal-BERS kienet tinkludi rappreżentanti minn bosta banek ċentrali u awtoritajiet superviżorji finanzjarji tal-Istati Membri, kif ukoll tal-istituzzjonijiet Ewropej (il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea) u aġenziji (l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) Ewropej, uffiċjali għall-ġestjoni tad-dejn pubbliku u akkademiċi.

It-task-force tal-BERS ikkonkludiet[4] li suq għall-SBBSs jista' jiżviluppa taħt ċerti kundizzjonijiet. Madankollu, jista' jiġi aċċertat fl-aħħar mill-aħħar jekk l-SBBSs ikunux vijabbli jew le biss jekk jitpoġġew fuq test tas-suq. Din il-proposta tħejji t-triq għal test tas-suq bħal dan.

Sejba ewlenija tat-task force tal-BERS, ikkorroborata wkoll minn interazzjonijiet ma' parteċipanti tas-suq u partijiet interessati oħra, hija li l-qafas regolatorju attwali jikkostitwixxi tfixkil sinifikanti għall-iżvilupp tal-SBBSs. Fil-qafas regolatorju eżistenti, l-SBBSs ikunu definiti bħala prodotti ta' titolizzazzjoni, u għalhekk ikunu ttrattati b'mod sinifikanti inqas favorevolment mill-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani taż-żona tal-euro (pereżempju permezz ta' rekwiżiti kapitali ogħla, limitazzjoni / ebda eliġibbiltà għal kopertura ta' likwidità u kollaterali, limiti ta' investiment aktar stretti għal diversi klassijiet ta' investituri, eċċ.). Madankollu, minħabba n-natura tal-assi sottostanti tagħhom u n-natura standardizzata u sempliċi tagħhom, l-SBBSs iġorru riskji li huma komparabbli mal-bonds sovrani sottostanti minflok titolizzazzjonijiet regolari. Pereżempju, ma hemm l-ebda asimetrija ta' informazzjoni bejn l-emittent tat-titolizzazzjoni tal-SBBSs u l-investituri finali, minħabba li l-assi sottostanti huma magħrufa u nnegozjati fis-suq.

[4] Ara l-volumi I ("sejbiet ewlenin") u II ("analiżi teknika") tar-rapport tat-task force tal-BERS "Titoli koperti minn bonds sovrani: studju ta' fattibbiltà", jinsab fuq: https://www.esrb.europa.eu/pub/task_force_safe_assets/html/index.en.html

Huwa għalhekk meħtieġ li l-qafas regolatorju jkun adattat b'mod xieraq biex jaqbad il-karatteristiċi uniċi tal-SBBSs. Huwa importanti li l-iffaċilitar tal-SBBSs ma jinvolvix tibdil fit-trattament regolatorju tal-iskoperturi sovrani. Kif stipulat fil-Karta ta' Riflessjoni ta' Mejju 2017 dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, din tal-aħħar ikollha implikazzjonijiet profondi, inkluż f'termini ta' stabbiltà finanzjarja u kundizzjonijiet ekwi għall-banek tal-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Billi l-SBBSs jirrappreżentaw kunċett ġdid u għadhom ma jeżistux fil-prattika, għadha ma nħolqietx regolamentazzjoni xierqa għal dan it-tip ta' strument li tqis il-proprjetajiet uniċi tagħhom.

Fil-qafas legali attwali, kif indikat hawn fuq, l-SBBSs ikunu definiti bħala prodotti ta' titolizzazzjoni. Għalhekk, bħala riżultat tal-qafas regolatorju għat-titolizzazzjonijiet - li huwa, bħala tali, xieraq għat-titolizzazzjonijiet eżistenti - l-investiment fl-SBBSs ikun assoċjat ma' tariffi regolatorji ogħla mill-investiment direttament f'bonds sovrani taż-żona tal-euro, li jikkostitwixxu l-portafoll sottostanti tal-SBBSs. Pereżempju, fir-rigward tar-rekwiżiti kapitali għall-banek, il-bonds sovrani taż-żona tal-euro huma ppeżati bl-ebda riskju (jiġifieri, il-banek ma għandu jkollhom l-ebda kapital kontra l-investiment tagħhom f'dawn il-bonds), iżda investimenti f'taqsimiet ta' titolizzazzjoni huma assoċjati ma' rekwiżiti kapitali pożittivi u—skont il-privileġġ —ta' spiss pjuttost għoljin.

Il-ġustifikazzjoni għal dawn it-tariffi ogħla għall-prodotti ta' titolizzazzjoni b'mod ġenerali (l-hekk imsejħa "non-newtralità" tal-qafas ta' titolizzazzjoni) tinsab f'riskji speċifiċi għat-titolizzazzjoni, primarjament minħabba informazzjoni asimmetrika bejn l-oriġinatur tal-prodotti ta' titolizzazzjoni u l-investituri. Din tipikament tiġi kkumplikata min-natura opaka tal-assi titolizzati u l-kumplessità tal-istruttura, li tinvolvi riskji tal-aġenzija u riskji legali. Fit-titolizzazzjonijiet tipiċi, ir-riskji tal-aġenziji jirriżultaw mill-fatt li l-oriġinaturi ta' prodotti bħal dawn jafu b'mod sostanzjali aktar mill-investituri dwar l-assi li jikkomponu l-aggregazzjoni tat-titolizzazzjoni. Dan ovvjament ikun il-każ fejn, pereżempju, bank joħroġ ipoteki u mbagħad jittitolizzahom. Investitur ma jkollux aċċess għall-istess informazzjoni fuq min jissellef b'ipoteka bħalma jkollu l-bank. Għalhekk jistgħu wkoll jassumu li l-bank jista' jittitolizza l-ewwel / biss l-ipoteki l-inqas profittabbli / aktar riskjużi. Huwa minħabba din il-problema tal-aġenzija li bosta investituri istituzzjonali kif ukoll banek ma jitħallewx jinvestu f'titolizzazzjonijiet sakemm l-emittent ma jżommx xi skopertura għall-assi sottostanti.

Madankollu, l-SBBSs huma prodott finanzjarju speċifiku b'żewġ karatteristiċi ewlenin. L-ewwel nett, ħafna mill-assimetriji ta' informazzjoni u kumplessitajiet ta' struttura ta' titolizzazzjoni tipika mhumiex preżenti minħabba li l-grupp sottostanti tal-SBBSs huwa magħmul minn bonds sovrani taż-żona tal-euro. Dawn l-assi huma magħrufa sew u mifhuma mill-parteċipanti tas-suq. Barra minn hekk, l-istruttura tal-aggregazzjoni ta' assi sottostanti għall-SBBSs hija ddeterminata minn qabel (pereż. il-piżijiet tal-bonds sovrani ċentrali tal-Istati Membri individwali jkunu konformi mal-kontribuzzjoni tagħhom għall-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew, bi ftit devjazzjoni). It-tieni nett, il-bonds sovrani taż-żona tal-euro huma nnegozjati regolarment fis-swieq. Dan ifisser li kulħadd jista' jikseb skopertura finanzjarja għalihom mingħajr ma jirrikorri għat-titolizzazzjoni.

Għalhekk, it-tariffi regolatorji speċifiċi għat-titolizzazzjoni mhumiex ġustifikati għall-SBBSs kif iddefinit f'din il-proposta regolatorja.

Din il-proposta tindirizza problema simili kif ġie indirizzat bir-Regolament dwar Titolizzazzjoni Sempliċi, Trasparenti u Standardizzata (Simple, Transparent and Standardised,

STS) riċenti. Speċifikament, ir-raġuni għar-Regolament STS riċenti (Regolament (UE) 2017/2402) huwa li, fil-preżenza ta' titolizzazzjonijiet li huma strutturati b'mod sempliċi, trasparenti u standardizzat u skont standards tal-UE, li ma jirrikonoxxux dawk il-proprjetajiet bi trattament regolatorju speċifiku (u, fil-prattika, aktar favorevoli) kienu jfixklu l-iżvilupp tagħhom indebitament.

Minħabba n-natura speċjali tal-assi sottostanti tal-SBBSs, jiġifieri l-bonds sovrani ċentrali taż-żona tal-euro, il-porzjon bejn it-trattament regolatorju tat-titolizzazzjonijiet (tradizzjonali) u r-riskju / inċertezza attwali tal-istrument huwa saħansitra aktar evidenti għall-SBBSs milli kien il-każ għat-titolizzazzjonijiet STS. U dan għal żewġ raġunijiet. (1) l-assi sottostanti (jiġifieri, bonds sovrani taż-żona tal-euro) huma saħansitra aktar sempliċi, trasparenti u standardizzati; u (2) l-bonds sovrani taż-żona tal-euro huma stess jirċievu t-trattament regolatorju l-aktar favorevoli fid-dawl tal-proprjetajiet u l-funzjonijiet tagħhom fis-settur finanzjarju.

Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet dwar l-investiment fir-rigward tal-bonds tal-gvern huma partikolarment sensittivi għall-ispejjeż u t-tariffi minħabba l-volumi involuti, il-kompetizzjoni qawwija u l-likwidità għolja tas-suq. L-ispejjeż rilevanti, mill-perspettiva ta' istituzzjoni finanzjarja li beħsiebha tinvesti f'assi bħal dawn, jinkludu l-ispiża tal-kapital assoċjat max-xiri tagħhom. Għalhekk, in-nuqqas li jiġi indirizzat dan l-ostaklu regolatorju x'aktarx ikollu effett ta' tfixkil akbar korrispondenti fuq l-iżviluppi tas-suq għall-SBBSs milli kien ikun, pereżempju, il-każ għat-titolizzazzjonijiet STS.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-tnaqqis tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja billi tiġi ffaċilitata d-diversifikazzjoni tal-portafolli tal-gvern tal-banek u tiddgħajjef aktar ir-rabta bejn il-banek u l-emittenti sovrani huwa ta' importanza kbira għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja.

Din il-proposta leġiżlattiva hija parti mill-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ l-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Hija għandha l-għan li tiffaċilita t-tfaċċar ta' suq effiċjenti għall-SBBSs matul iż-żmien. Min-naħa tagħhom, l-SBBSs jistgħu jappoġġaw aktar diversifikazzjoni tal-portafoll fis-settur bankarju, filwaqt li joħolqu sors ġdid ta' kollaterali ta' kwalità għolja partikolarment adattat għall-użu fi tranżazzjonijiet finanzjarji transfruntiera. Barra minn hekk, tista' tirrendi bonds sovrani maħruġa fi swieq altrimenti żgħar u anqas likwidi aktar attraenti għall-investituri internazzjonali. Dan jinkoraġġixxi l-kondiviżjoni tar-riskju tas-settur privat u t-tnaqqis tar-riskju u jippromwovi allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riskji fost l-investituri. Barra minn hekk, l-iffaċilitar tal-SBBSs iżid il-firxa ta' strumenti disponibbli fis-swieq finanzjarji, li jimbotta l-isforzi tal-Kummissjoni biex tapprofondixxi u tintegra aktar swieq kapitali Ewropej fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Billi b'hekk jgħinu biex titlesta l-Unjoni Bankarja u tavvanza l-Unjoni tas-Suq Kapitali, l-SBBSs jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-avvanz tal-Unjoni Finanzjarja u l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

Kif imsemmi, l-SBBSs se jkunu strument ibbażat fuq is-suq li x'aktarx jiżviluppa gradwalment maż-żmien, bħala opportunità ta' investiment alternattiv u kumplimentari, ħdejn bonds sovrani. L-SBBSs mhumiex mistennija li jkollhom impatt negattiv materjali fuq is-swieq tal-bonds nazzjonali eżistenti u mhumiex mistennija li jissostitwixxuhom.

L-SBBSs huma kunċettwalment distinti u differenti mill-assi sikuri Ewropej kif diskuss fil-Karta ta' Riflessjoni ta' Mejju 2017 dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. L-assi sikur Ewropew – b'mod differenti mill-SBBSs – ikun strument finanzjarju ġdid għall-ħruġ komuni ta' dejn. L-iżvilupp ta' tali assi sikur Ewropew iqajjem għadd ta'

mistoqsijiet kumplessi legali, politiċi u istituzzjonali li jeħtieġ li jiġu esplorati fid-dettall. Irid ikun imfassal b'konformità mal-limitazzjonijiet fit-Trattat f'termini ta' kondiviżjoni tar-riskju tas-settur pubbliku u b'mod partikolari l-"klawżola dwar meta ma jingħatax salvataġġ finanzjarju (no-bail-out-clause)" (l-Artikolu 125 TFUE). Fil-Pjan Direzzjonali kif ippreżentat fid-Dokument ta' Riflessjoni msemmi hawn fuq, il-ħruġ ta' assi sikur Ewropew bħal dan huwa previst bħala pass ulterjuri possibbli matul is-snin sal-2025. Għaldaqstant, huwa innovazzjoni fit-terminu medju ta' żmien.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

L-SBBSs huma għodda biex issaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja u l-kondiviżjoni tar-riskju fiż-żona tal-euro. B'hekk jistgħu jkomplu japprofondixxu iktar is-suq intern. Din il-proposta għalhekk għandha bħala bażi ġuridika l-Artikolu 114 TFUE, li jagħti lill-istituzzjonijiet Ewropej il-kompetenzi li jistabbilixxu dispożizzjonijiet xierqa li għandhom bħala l-għan tagħhom it-twaqqif u l-funzjonament tas-suq intern.

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-impedimenti regolatorji identifikati għall-iżvilupp tas-swieq tal-SBBSs huma stabbiliti f'bosta biċċiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE[5]. Bħala konsegwenza, azzjoni individwali tal-Istat Membru ma tkunx tista' tilħaq l-għanijiet ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva, jiġifieri li tneħħi impedimenti regolatorji bħal dawn, billi l-emendi tal-leġiżlazzjoni tal-UE jistgħu jsiru biss permezz ta' azzjoni tal-UE.

Apparti minn din il-kunsiderazzjoni legali, l-azzjoni fil-livell tal-Istati Membri tkun subottimali. Jista' jirriżulta li strumenti differenti jkunu "ffaċilitati" fi Stati Membri differenti. Dan jagħmel is-suq opak u jaqsam id-domanda tas-suq f'diversi strumenti differenti. Dan jagħmilha diffiċli jew saħansitra impossibbli li kwalunkwe wieħed minnhom jikseb il-likwidità meħtieġa. Barra minn hekk, anki jekk dawn kollha kienu mmirati lejn l-istess strument, il-leġiżlaturi nazzjonali jistgħu jispiċċaw f'tellieqa biex joffru lil dan l-istrument trattament regolatorju li jkun favorevoli kemm jista' jkun. Fiż-żewġ każijiet, jiġifieri li jiġu indirizzati prodotti ddefiniti b'mod differenti jew li jingħata trattament regolatorju differenti, azzjoni fil-livell nazzjonali toħloq ostakli għas-suq uniku. Dawn l-ostakli jkollhom effetti konsiderevoli, minħabba l-integrazzjoni għolja ħafna tas-swieq tal-bonds tal-gvern li huma sottostanti u t-trattament regolatorju identiku tagħhom madwar l-UE. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, azzjoni fil-livell tal-UE hija meħtieġa u xierqa.

### • Proporzjonalità

Ir-regolament propost għandu l-għan li jiffaċilita l-istrument il-ġdid billi jneħħi l-ostakli regolatorji għat-tfaċċar gradwali ta' suq tal-SBBSs. Dan l-intervent huwa proporzjonat billi joħloq livell wieħed għal kundizzjonijiet ekwi bejn l-istrument il-ġdid u l-assi sottostanti

---

5 Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1); Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1). Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

tiegħu. Il-proposta mhi mistennija jkollha l-ebda impatt materjali fuq is-swieq eżistenti tal-bonds sovrani nazzjonali.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għandha l-għan li tippermetti żvilupp tas-suq immexxi mid-domanda tal-SBBSs. Għal dan il-għan, il-proposta tistipula li l-kriterji li għandhom jintlaħqu mill-istrument jiġu ttikkettati bħala SBBSs u tipprovdi l-qafas superviżorju meħtieġ.

Sabiex jinkisbu l-benefiċċji mmirati, huwa meħtieġ li prodott standardizzat ikun iffaċilitat. Jenħtieġ li din l-istandardizzazzjoni tkun uniformi madwar l-UE, għalhekk hija meħtieġa definizzjoni armonizzata u trattament regolatorju tal-SBBSs fil-livell tal-UE. L-Artikolu 114(1) TFUE jipprovdi l-bażi ġuridika għal Regolament li joħloq dispożizzjonijiet uniformi mmirati lejn it-titjib tal-funzjonament tas-suq intern. Direttiva ma twassalx għall-istess riżultati, billi l-implimentazzjoni ta' Direttiva, minħabba d-diskrezzjoni eżerċitata meta tiġi trasposta, tista' twassal għal differenzi, li fil-każ tas-suq tal-SBBSs, jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u arbitraġġ regolatorju.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-SBBSs, it-task force tal-BERS wettqet konsultazzjoni pubblika fl-aħħar tal-2016 u kisbet kontribut u feedback mill-industrija, jiġifieri diversi istituzzjonijiet finanzjarji u minn uffiċjali tal-ġestjoni tad-dejn pubbliku (debt management officers, DMOs), permezz ta' firxa ta' laqgħat bilaterali kif ukoll żewġ workshops iddedikati fl-2016 u l-2017. Il-Kummissjoni ma nidietx konsultazzjoni pubblika miftuħa minnha stess biex tevita d-duplikazzjoni. Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-inizjattiva proposta mhix diretta lejn il-konsumaturi jew l-investituri fil-livell tal-konsumatur.

Il-konsultazzjoni msemmija hawn fuq fost ir-rappreżentanti tal-industrija fittxet feedback dwar diversi kwistjonijiet ewlenin rigward l-implimentazzjoni possibbli tal-SBBS, b'mod partikolari rigward it-trattament regolatorju u l-aspetti ekonomiċi tal-ħruġ tal-SBBSs. Il-feedback, b'mod partikolari, wera kunsens qawwi dwar l-iskarsezza dejjem akbar ta' assi "sikuri" (ta' riskju baxx) fis-suq. Il-maġġoranza tar-rispondenti kienu tal-fehma li mill-inqas SBBSs superjuri għandhom jirċievu l-istess trattament regolatorju bħall-bonds sovrani sottostanti tagħhom.

Filwaqt li l-parteċipanti tas-suq b'mod ġenerali qablu li se tkun meħtieġa integrazzjoni finanzjarja aktar profonda u diversifikazzjoni tal-portafoll tal-gvern tal-banek fl-Ewropa, il-fehmiet kienu mħallta dwar il-vijabbiltà tal-SBBSs. B'mod partikolari, tpoġġiet fid-dubju l-kummerċjabbiltà tas-segment subordinat tal-prodott. Il-parteċipanti qablu b'mod ġenerali li biex jitfaċċa suq tal-SBBSs, se jkun meħtieġ dan li ġej: (1) il-koordinazzjoni ta' ħarġiet minn Uffiċjali tal-Ġestjoni tad-Dejn (DMOs); (2) qafas regolatorju li jitfa' fuq livell wieħed il-kundizzjonijiet bejn il-bonds sovrani u l-SBBSs; (3) karatteristiċi SBBS sempliċi u standardizzati, inkluż piżijiet tal-portafoll fissi fuq in-naħa tal-assi u massimu ta' tliet segmenti fuq in-naħa tal-obbligazzjoni; (4) likwidità suffiċjenti fis-suq tal-SBBSs; u (5) ċarezza dwar il-proċedura fil-każ ta' inadempjenza tal-gvern (selettiva). Tqassim dettaljat tar-risposti dwar mistoqsijiet ewlenin u konklużjonijiet ġenerali meħuda mill-istħarriġ huma ppreżentati fil-Volum II tar-rapport tat-task force tal-BERS imsemmi hawn fuq.

F'workshop iddedikat, id-DMOs semmew it-tħassib dwar id-disinn u l-implimentazzjoni tal-SBBSs u qiesu li l-SBBSs la jkissru r-rabta bejn il-banek u l-emittenti sovrani u lanqas joħolqu assi ta' riskju baxx taż-żona tal-euro. B'mod aktar speċifiku, it-tħassib tad-DMOs relatat mal-impatt tal-SBBSs fuq is-swieq nazzjonali ta' bonds sovrani (b'mod partikolari fuq il-likwidità tagħhom), l-implikazzjonijiet ta' xiri ta' bonds sovrani primarji u / jew sekondarji minn emittenti tal-SBBSs u t-trattament regolatorju possibbli tal-SBBSs. Huma esprimew ukoll tħassib dwar il-fattibilità teknika u l-vijabbiltà ekonomika tal-istrument il-ġdid.

Minbarra l-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq bħala parti mill-valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-BERS, il-Kummissjoni kkonsultat l-Istati Membri u organizzat laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar banek, pagamenti u assigurazzjoni (EGBPI) fil-11 ta' April 2018 sabiex tirċievi feedback tekniku dwar mistoqsijiet speċifiċi. Il-parteċipanti indikaw il-ħtieġa li l-ewwel tiġi diskussa l-ħtieġa tal-SBBSs qabel ma jingħata parir tekniku, billi fil-fehma tagħhom il-ħtieġa għall-SBBSs ma kinitx ovvja. Huma pprovdew fehmiet utli dwar kwistjonijiet tekniċi selettivi, b'mod partikolari billi jitolbu għal aktar flessibbiltà għall-parteċipanti tas-suq meta jiġu biex jiddeterminaw il-karatteristiċi fundamentali tal-SBBSs (jiġifieri fir-rigward tal-piżijiet tal-bonds sovrani tal-Istati Membri differenti fil-portafoll sottostanti jew il-livelli tas-segmenti ).

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Il-Kummissjoni kkontribwiet b'mod attiv għall-ħidma tat-task force tal-BERS imsemmija hawn fuq. Din il-proposta regolatorja tibni fil-biċċa l-kbira fuq ix-xogħol tat-task force. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ltaqgħet ma' awtoritajiet pubbliċi u rappreżentanti tas-settur privat biex titlob għall-għarfien espert tagħhom u tikkorrobora s-sejbiet tat-task force.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Għall-preparazzjoni ta' din il-proposta, ġiet ippreparata u diskussa Valutazzjoni tal-Impatt ma' Grupp ta' Tmexxija Interservizz f'diversi okkażjonijiet. Il-Valutazzjoni tal-Impatt qieset l-għażliet ta' politika li ġejjin: (i) il-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas propost (jiġifieri, għal kwalunkwe titolizzazzjoni ta' bonds sovrani taż-żona tal-euro, jew għal dawk li jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti ta' standardizzazzjoni biss); (ii) jekk terġax titreġġa' lura "newtralità regolatorja", jiġifieri, jingħata l-istess trattament bħal dak tal-bonds sovrani sottostanti biss għas-segment superjuri tal-SBBSs jew għas-segmenti kollha tal-SBBSs; u (iii) kif tiġi ssorveljata u tiġi żgurata l-konformità mal-qafas propost (jiġifieri, permezz ta' approċċ ta' awtoattestazzjoni jew permezz ta' ċertifikazzjoni *ex ante*).

Il-Valutazzjoni tal-Impatt enfasizzat bosta kompromessi importanti. Pereżempju, it-tneħħija ta' impedimenti regolatorji għal kull u kwalunkwe titolizzazzjoni tippermetti flessibbiltà massima lill-parteċipanti fis-suq biex jiddisinjaw l-istrument il-ġdid biex jimmassimizzaw l-prospetti filwaqt li jimminimizzaw ir-riskji. Min-naħa l-oħra, ċertu grad ta' standardizzazzjoni preskritta jista' jiżgura aħjar li l-likwidità tal-istrument il-ġdid ma tiġix ddissipata f'ħafna varjanti differenti. Bl-istess mod, billi l-għoti tal-istess trattament ta' bonds sovrani biss għas-segment superjuri jista' jagħti inċentivi akbar lill-banek biex jiffokaw fuq segmenti superjuri, tali approċċ ikun inkonsistenti mat-trattament regolatorju attwali tal-iskoperturi tal-gvern (u jkun wieħed li inqas "jiffaċilita" l-SBBSs b'mod ġenerali, billi jkun naqqas il-bażi potenzjali tal-investitur).

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ivvalutat l-effetti tad-diversi għażliet dwar sa fejn jitneħħew in-nuqqasijiet regolatorji identifikati, sa fejn l-istrumenti l-ġodda jgħinu fit-tnaqqis tar-riskju fil-karti tal-bilanċ tal-banek u bl-espansjoni tal-provvista ta' assi b'riskju baxx iddenominati fl-

euro, u l-benefiċċji tad-diversi approċċi ta' konformità u superviżjoni f'termini ta' fiduċja tas-suq stabbilita fir-rigward tal-ispejjeż assoċjati (kemm pubbliċi kif ukoll privati).

Minħabba li l-qafas propost jippermetti biss l-iżvilupp ta' suq tal-SBBS immexxi mis-settur privat, iżda ma jagħti l-ebda garanzija, il-Valutazzjoni tal-Impatt tikkunsidra żewġ xenarji distinti biex tivvaluta l-impatt, wieħed fejn l-SBBSs jilħqu biss volum limitat ħafna (EUR 100 biljun) u stat stabbli fejn jilħqu EUR 1,5 triljun - volum rilevanti mil-lat makroekonomiku (għalkemm xorta limitat meta mqabbel mas-suq tad-dejn tal-gvern globali taż-żona tal-euro, li laħaq valur ta' EUR 9 miljun mit-tieni kwart tal-2017).

Indikazzjoni kwantitattiva tas-sinifikat tal-ostakli li jitneħħew b'din il-proposta tista' tinkiseb billi jsir tqabbil bejn, pereżempju, ir-rekwiżit ta' kapital li l-banek ikollhom jissodisfaw jekk jixtru l-SBBSs illum kontra dawk li jkollhom jissodisfaw għall-istess akkwist skont il-qafas regolatorju apposta propost. Ċertament, dan it-tfaddil (virtwali) jiddependi mill-preżunzjonijiet li jsiru (inkluż il-piż tar-riskju minħabba s-segmenti sub-superjuri). Fix-xenarju ta' volum limitat, jekk wieħed jassumi li l-banek jixtru s-segmenti kollha, u li l-banek li jużaw l-approċċ standardizzat għal sehem minn dan l-akkwist li huwa ugwali għas-sehem attwali tagħhom mill-akkwist tal-bonds sovrani, l-assi b'riskju peżat aggregati jiżdiedu b'xi EUR 87 biljun. Għax-xenarju stabbli, il-kalkolu ekwivalenti jagħti żieda fl-assi b'riskju ppeżat aggregati ta' EUR 1,3 triljun.

Meta niġu għall-impatt fuq il-volum ta' assi b'rata AAA iddenominati f'euro, il-kalkolu huwa bbażat fuq id-*data* tal-Eurostat dwar dejn tal-gvern ċentrali taż-żona tal-euro f'Diċembru 2016,[6] kif ukoll il-klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's tal-gvernijiet taż-żona tal-euro fl-istess data[7]. Dan il-kalkolu juri li l-assi b'rata AAA jiżdiedu bi 2% (rispettivament, 30 %) fix-xenarju tal-volum limitat (rispettivament, stat stabbli).

Fl-aħħar nett, f'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt tal-SBBSs fuq id-diversifikazzjoni tal-portafolli tal-gvern tal-banek, l-analiżi fil-Valutazzjoni tal-Impatt turi li l-impatt huwa żgħir fix-xenarji ta' volum limitat, iżda sinifikanti fix-xenarju stabbli. Skont dawn l-assunzjonijiet, il-preġudizzju intern fil-kampjun tal-banek fiż-żona tal-euro koperti mill-eżerċizzju ta' trasparenza mmexxi mill-Awtorità Bankarja Ewropea se jonqos bi 42%.

Ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt ġie ppreżentat lill-Bord ta' Skrutinju Regolatorju fid-19 ta' Jannar 2018. Il-laqgħa tal-bord saret fl-14 ta' Frar 2018. Il-Bord ta opinjoni pożittiva u talab għal bidliet u kontribut addizzjonali fl-oqsma li ġejjin: (1) biex jiġi ċċarat jekk din l-inizjattiva għandhiex l-għan li tipprovdi qafas li jippermetti u test tas-suq jew struttura ta' inċentiv għall-SBBSs; (2) biex jiġi żviluppat aktar il-benefiċċju pubbliku nett potenzjali tal-inizjattiva, kif ukoll riskji jew konsegwenzi mhux intenzjonati; u (3) biex jiġu ppreżentati aħjar il-kompromessi bejn proposti ta' politika alternattiva. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati u inkorporati fil-verżjoni finali li takkumpanja din il-proposta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din l-inizjattiva ma għandhiex l-għan li tissimplifika jew tnaqqas il-piż amministrattiv li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni eżistenti, imma minflok tistipula regoli ġodda li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' strumenti tal-SBBSs fis-suq.

[6] Imniżżel mis-sit elettroniku tal-Eurostat fil-21 ta' Diċembru 2017 fl-10:42.
[7] Imniżżel mis-sit elettroniku tal-S&P fil-21 ta' Diċembru 2017.

Il-proposta regolatorja mhix mistennija li taffettwa direttament lill-investituri fil-livell tal-konsumaturi, lill-familji, lill-SMEs jew lill-mikrointrapriżi, għaliex mhux probabbli li jkunu attivi fis-swieq tal-SBBSs. Fl-istess ħin, dawn is-setturi jibbenefikaw indirettament minn din il-proposta regolatorja bħala riżultat tar-reżiljenza mtejba tas-settur finanzjarju – sal-punt li l-benefiċċji mistennija tal-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja jibdew jidhru.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tikkonforma mad-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-drittijiet għall-proprjetà u l-libertà ta' intrapriża, u għandha tiġi applikata skont dawk id-drittijiet u prinċipji. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-investituri tal-SBBSs billi jiżgura l-integrità tal-ħruġ tal-SBBSs u tal-portafoll sottostanti tad-dejn tal-gvern.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta regolatorja se jkollha implikazzjonijiet finanzjarji limitati ġodda għall-baġits pubbliċi, billi l-mekkaniżmu ta' konformità jkun ibbażat fuq awtoattestazzjoni minn dawk li joħorġu l-SBBSs u s-superviżuri jivverifikaw il-konformità *ex post* waqt l-attivitajiet superviżorji ta' rutina tagħhom. Fid-dawl tal-kompiti ġodda previsti, u filwaqt li jitqiesu s-sinerġiji possibbli mal-funzjonijiet eżistenti tiegħu, hemm bżonn ta' xi riżorsi addizzjonali għall-ESMA (ara d-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva). L-emittenti tal-SBBSs iġarrbu l-ispejjeż ta' awtoattestazzjoni, li madankollu jenħtieġ li jkunu pjuttost żgħar minħabba s-sempliċità tal-prodott finanzjarju (il-punt sa fejn dawn jiġu tradotti għal investituri jiddependi fuq il-kompetittività tas-suq).

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-objettivi speċifiċi ta' din l-inizjattiva, jiġifieri li jiġu eliminati l-ostakli regolatorji u li jkun hemm kontribut għal-likwidità tal-prodotti SBBS il-ġodda, inkluż billi jingħataw trattament regolatorju ta' "punt ta' riferiment" tassew jintlaħqu ladarba l-leġiżlazzjoni proposta tidħol fis-seħħ. Dan huwa l-każ għaliex prodott standardizzat biss ikun eliġibbli għat-trattament regolatorju speċifiku previst u t-trattament regolatorju tal-SBBSs ikun ekwiparat ma' dak tal-bonds sovrani sottostanti[8].

F'termini tal-objettiv ġenerali li jippermetti s-swieq għall-SBBSs, l-impatt tal-leġiżlazzjoni se jiġi vvalutat billi jiġi mmonitorjat sa fejn dawn il-prodotti ġodda attwalment jinġabru u jiġu nnegozjati u l-punt sa fejn l-iżvilupp tal-SBBSs jikkontribwixxi għall-espansjoni fl-ammont ta' assi ta' riskju baxx u t-tnaqqis ta' "preġudizzju intern" tal-banek. L-impatt tal-SBBSs fuq il-likwidità tas-swieq tal-bonds sovrani nazzjonali se jiġi vvalutat ukoll.

Meta jiġu interpretati r-riżultati ta' dawn l-analiżijiet, jeħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu li l-iżvilupp tas-swieq tal-SBBSs u l-evoluzzjoni tal-punti ta' referenza msemmija hawn fuq jiddependu fuq bosta fatturi oħra li huma indipendenti minn, jew jistgħu jkunu biss marbuta b'mod dgħajjef mal-qafas regolatorju. Dan x'aktarx jagħmilha diffiċli li jiġu żviluppati l-

[8] Xi ostakli speċifiċi, pereżempju l-eliġibbiltà differenzjali għar-rekwiżiti ta' kopertura ta' likwidità bejn SBBS u bonds sovrani taż-żona tal-euro, jiġu indirizzati f'biċċiet separati ta' leġiżlazzjoni, minħabba li ġejjin minn atti ddelegati.

effetti tal-leġiżlazzjoni proposta minn dawn il-fatturi l-oħra. B'mod partikolari, il-provvista ta' prodotti ġodda x'aktarx tiddependi fuq l-ispejjeż legali tat-twaqqif tal-vettura tal-ħruġ il-faċilità li jinkisbu bonds b'termini suffiċjentement uniformi, l-ispejjeż biex jingħata servizz lill-istruttura, eċċ. Bl-istess mod, id-domanda tagħhom se tiddependi fuq l-ambjent tar-rata tal-imgħax globali, l-aptit għar-riskju, u d-domanda minn diversi tipi ta' investituri għal segmenti differenti. L-iżviluppi fis-suq jistgħu wkoll ma jkunux lineari, billi l-prodott previst se jibbenefika minn qligħ fuq skala mid-daqs u l-esternalitajiet tan-network. Għalhekk, pereżempju, jekk il-prodott jidher li jattira biżżejjed l-interess tal-investitur, il-maniġers tad-dejn jistgħu jiddeċiedu li jorganizzaw irkanti ddedikati għall-produzzjoni tal-SBBSs, b'bonds standardizzati ta' maturitajiet li jvarjaw. Dan imbagħad inaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni u jista' jaċċellera t-tkabbir tas-suq.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta fiha erba' partijiet. L-ewwel parti tipprovdi sett ta' regoli li jiddefinixxu l-elementi kostituttivi tal-SBBSs. Dawn ir-regoli huma meħtieġa biex jiżguraw li prodott standardizzat kemm jista' jkun jiġi prodott mis-swieq. Dan imbagħad jiffavorixxi l-likwidità tiegħu u jappella lill-investituri. It-tieni parti tipprovdi regoli li jiddefinixxu r-rekwiżiti ta' notifika u trasparenza għall-entità tal-ħruġ biex jiżguraw li l-awtoattestazzjoni titwettaq b'mod armonizzat u kredibbli. It-tielet parti fiha regoli dwar is-superviżjoni tal-SBBSs u s-sanzjonijiet possibbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità u / jew imġiba frawdolenti tal-entità tal-ħruġ. Ir-raba' parti fiha sett ta' emendi għall-qafas legali eżistenti meħtieġ biex l-SBBSs jingħataw trattament regolatorju konformi mad-disinn u l-proprjetajiet uniċi tagħhom.

**Id-dispożizzjonijiet introduttorji (l-Artikoli minn 1 sa 3)**

Id-dispożizzjonijiet jispjegaw is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet użati bl-iskop li jiġi pprovdut qafas ġenerali għal SBBSs u entitajiet standardizzati involuti fil-ħruġ u ż-żamma ta' strumenti bħal dawn. Id-definizzjonijiet użati huma konsistenti ma' dawk użati f'partijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni.

**L-eliġibbiltà u l-kompożizzjoni tal-portafoll sottostanti u s-segmentazzjoni tal-ħruġ ta' SBBSs (l-Artikoli minn 4 sa 6)**

Il-portafoll sottostanti tal-SBBSs jenħtieġ li jkun magħmul minn bonds sovrani tal-Istati Membri kollha tal-UE li l-munita tagħhom hija l-euro. Din ir-restrizzjoni hija li jiġi żgurat li l-ebda wieħed mill-bonds fil-portafoll sottostanti tal-SBBSs ma jiġi affettwat mir-riskju tal-kambju. Il-piż relattiv tal-bonds sovrani ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jkun viċin ħafna tal-piż relattiv tal-parteċipazzjoni tal-Istat Membru rispettiv fil-kjavi fil-kapital tal-BĊE. Il-kjavi fil-kapital tal-BĊE hija indikatur tad-daqs ekonomiku ta' kull Stat Membru u s-sehem tiegħu fl-istabbiltà tas-sistema finanzjarja Ewropea. Ġew ikkunsidrati kjavi oħra iżda nstab li huma inferjuri. Pereżempju, kjavi bbażata fuq id-dejn tal-gvern pendenti ta' kull Stat Membru tista' twassal għal periklu morali, fejn Stat Membru jista' jibbenefika aktar mill-prodott jekk dan iżid id-dejn pendenti ġenerali tiegħu.

Il-maturitajiet tal-bonds sovrani sottostanti jenħtieġ li jkunu allinjati mill-qrib mal-maturità tal-SBBSs.

Jenħtieġ li l-SBBSs ikunu magħmula minn segment superjuri, li jikkorrispondi għal 70 fil-mija tal-valur nominali tal-ħruġ tal-SBBSs, u segment subordinat wieħed jew aktar[9]. L-għan tas-segmenti subordinati huwa li jipprovdu protezzjoni lis-segment superjuri, li għalhekk huwa strument ta' riskju baxx. Id-diviżjoni preċiża tal-porzjon subordinat tal-kostruzzjoni tal-SBBSs fid-diversi segmenti tibqa' fid-diskrezzjoni tal-emittent, li jimmassimizza l-prezz totali inkluż billi jissodisfa d-domanda speċifika tar-riskju / tar-ritorn ta' diversi tipi ta' investituri. Is-segment superjuri huwa stabbilit għal 70 fil-mija tal-istruttura kumplessiva biex tiġi żgurata l-istandardizzazzjoni ta' dan is-segment fi ħruġ differenti. Biex jiġi limitat ir-riskju tas-segment inferjuri (is-segment li jġarrab telf qabel kull segment ieħor), il-valur nominali tas-segment inferjuri jenħtieġ li jkun ta' mill-inqas 2 % tal-valuri nominali pendenti tal-ħarġa totali ta' SBBSs. It-task force tal-BERS uriet permezz ta' analiżi komprensiva li segment subordinat wiesa' ta' 30 fil-mija huwa biżżejjed biex jiżgura riskju baxx ta' inadempjenza għas-segment superjuri korrispondenti (jiġifieri 70 fil-mija wiesa') inkluż f'xenarji ta' stress fis-suq.

L-Artikoli 4 u 6 jipprevedu ċirkostanzi speċifiċi li fihom l-istruttura tal-SBBSs (il-kompożizzjoni tal-portafoll sottostanti u d-daqs tas-segment superjuri) tista' tinbidel għal ħarġiet futuri u jiddeskrivu l-proċeduri rilevanti. Bonds sovrani ta' Stat Membru partikolari jistgħu jiġu esklużi mill-portafoll sottostanti meta u sakemm il-ħruġ ta' bonds sovrani minn Stat Membru jkun limitat b'sinifikanti minħabba ħtieġa mnaqqsa għal dejn pubbliku jew aċċess indebolit tas-suq. Barra minn hekk, l-istruttura ta' segmenti tista' tinbidel f'każijiet eċċezzjonali fejn żviluppi avversi tas-suq li jfixklu serjament il-funzjonament tas-swieq tad-dejn tal-gvern fi Stat Membru jew fl-Unjoni jkunu jirrikjedu segment superjuri iżgħar biex jiżgura l-kwalità għolja / riskju baxx kontinwi tiegħu. L-ESMA għandha l-kompitu li timmonitorja jekk jeżistux il-kundizzjonijiet għal bidla fil-kompożizzjoni tal-portafoll sottostanti jew fid-daqs tas-segment superjuri u biex tinforma lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tali kundizzjonijiet jeżistu jew li ma għadhomx jeżistu billi tadotta att ta' implimentazzjoni. Dan l-att ta' implimentazzjoni jista' jidħol fis-seħħ biss wara votazzjoni mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat Ewropew tat-Titoli, skont il-proċedura ta' eżami. L-SBBSs maħruġa wara l-adozzjoni ta' tali att ta' implimentazzjoni għandhom jirriflettu l-bidliet fil-kompożizzjoni tal-portafoll sottostanti jew id-daqs tas-segment superjuri li għalih ikun inħareġ l-att ta' implimentazzjoni.

**Il-ħruġ u l-immaniġġar tal-SBBSs (l-Artikoli 7 u 8)**

Sabiex jiġi żgurat li l-investituri jkunu protetti mir-riskju ta' insolvenza tal-istituzzjoni li takkwista l-bonds sovrani (ix-xerrej oriġinali, tipikament bank), jenħtieġ li l-ħruġ ta' SBBSs isir minn Entità bi Skop Speċjali (Special Purpose Entity, SPE) li tkun iddedikata esklużivament għall-ħruġ u l-immaniġġar tal-SBBSs u li ma twettaq l-ebda attività riskjuża oħra, bħall-għoti tal-kreditu.

Jenħtieġ li l-SPE tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' segregazzjoni ta' assi stretti biex tiżgura l-integrità tal-ħruġ tal-SBBSs u tal-pożizzjonijiet miżmuma mill-investituri tal-SBBSs. Jenħtieġ li l-SPEs jiżguraw li l-kompożizzjoni tal-aggregazzjoni sottostanti ta' bonds sovrani tkun fissa matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-SBBSs. Għall-immaniġġar tad-diskrepanzi fil-maturità limitata, jenħtieġ li l-SBBSs jitħallew jinvestu l-qligħ mill-portafoll sottostanti biss fi flus kontanti jew fi strumenti finanzjarji likwidi ħafna b'riskju baxx tas-suq u tal-kreditu.

[9] Fil-verżjoni analizzata mit-task force tal-BERS kien hemm żewġ segmenti subordinati, segment intermedju u wieħed subordinat, li jikkorrispondu rispettivament għal 20 u 10 fil-mija tal-valur nominali tal-ħruġ tal-SBBSs.

Billi l-investituri f'segmenti tal-SBBSs ikollhom pretensjonijiet biss fuq il-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani, iżda mhux fuq il-karta tal-bilanċ tal-emittent jew tax-xerrej oriġinali, l-SPE u l-portafoll sottostanti tagħha jenħtieġ li ma jkollhomx għalfejn jiġu kkonsolidati fil-portafoll tax-xerrej oriġinali.

**L-użu tad-denominazzjoni "Titoli Koperti minn bonds sovrani" (l-Artikolu 9)**

Biex tiġi żgurata l-istandardizzazzjoni tal-SBBSs, dawk il-prodotti biss li jissodisfaw ir-rekwiżiti rigward il-kompożizzjoni u l-maturità tal-bonds sovrani sottostanti u s-segmentar jenħtieġ li jgawdu l-istess trattament regolatorju bħal dak tal-bonds sovrani sottostanti. Sistema ta' notifika lill-ESMA hija stabbilita biex tiżgura li ma jitwettqu l-ebda abbużi. Prodott jista' b'hekk ikun ikkwalifikat bħala SBBS biss jekk ikunu ġew issodisfati kemm ir-rekwiżiti sostantivi kif ukoll dawk ta' notifika.

**Ir-rekwiżiti ta' notifika u trasparenza tal-SBBSs (l-Artikoli minn 10 sa 12)**

L-SPEs huma responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti tal-prodott u tan-notifika. L-ESMA hija fdata bil-pubblikazzjoni tan-notifiki fuq is-sit web tagħha. Dan jiżgura li l-SPEs jieħdu r-responsabbiltà li jitolbu li prodott jikkwalifika bħala SBBS u li jkun hemm trasparenza fis-suq. L-SPEs għandhom ikunu responsabbli għal kwalunkwe telf jew ħsara li jirriżultaw minn notifiki mhux korretti jew qarrieqa taħt il-kundizzjonijiet stipulati mil-liġi nazzjonali. L-investituri se jkollhom iwettqu d-diliġenza dovuta meħtieġa għal kwalunkwe investiment fi prodotti finanzjarji iżda jistgħu jqiegħdu d-dipendenza xierqa fuq in-notifika tal-SBBSs u l-informazzjoni żvelata minn SPEs dwar il-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tal-prodott tal-SBBSs. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza imposti fuq l-SBBSs u bonds sovrani sottostanti jenħtieġ li jippermettu lill-investituri jifhmu, jivvalutaw u jqabblu t-tranżazzjonijiet fl-SBBSs u ma joqogħdux biss fuq terzi persuni, bħal aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Jenħtieġ li jippermettu lill-investituri jaġixxu bħala investituri prudenti u jagħmlu d-diliġenza dovuta tagħhom. Din il-proposta tiżgura li l-investituri jkollhom l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-SBBSs għad-dispożizzjoni tagħhom. Biex jiġi ffaċilitat il-proċess għall-investituri u l-SPEs, l-informazzjoni li għandha tingħata lill-ESMA se tkun armonizzata u se jiġi żviluppat mudell mill-ESMA għall-valutazzjoni tal-SBBSs. Jenħtieġ li l-SPEs jagħmlu l-informazzjoni disponibbli b'mod liberu għall-investituri, permezz ta' mudelli standardizzati, fuq sit web li jissodisfa ċerti kriterji bħall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u l-kontinwità tan-negozju. Barra minn hekk, il-kuntratt dwar it-trasferiment ta' pożizzjoni fl-SBBSs lil investitur għandu jinkludi informazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-qligħ u l-proċedura li għandha tiġi segwita b'antiċipazzjoni jew wara nuqqas ta' ħlas ta' assi sottostanti. Sabiex l-awtoritajiet superviżorji jkunu infurmati u jwettqu l-kompiti tagħhom relatati mal-ħruġ ta' SBBSs, jenħtieġ li l-ESMA tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti b'kull notifika tal-SBBSs riċevuta.

**Is-superviżjoni u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet (l-Artikoli 13 u 14)**

Biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, tiġi żgurata l-fiduċja tal-investituri u tiġi promossa l-likwidità, is-superviżjoni xierqa u effettiva tas-swieq tal-SBBSs hija importanti. Għal dan il-għan, il-proposta teħtieġ li l-Istati Membri jaħtru awtoritajiet kompetenti skont l-atti legali tal-UE eżistenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament jenħtieġ li ssir primarjament biex tiżgura l-protezzjoni tal-investituri u, fejn applikabbli, dwar aspetti prudenzjali li jistgħu jkunu marbuta mal-ħruġ jew iż-żamma ta' SBBSs minn entitajiet regolati. Jenħtieġ li s-superviżuri maħtura jkollhom is-setgħat li jingħatawlhom skont il-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji rilevanti.

Minħabba n-natura transfruntiera tas-suq tal-SBBSs, jenħtieġ li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA tkun żgurata permezz ta' skambju ta' informazzjoni, kooperazzjoni f'attivitajiet superviżorji u investigazzjonijiet u koordinazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

Sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni konsistenti u fehim komuni tar-rekwiżiti tal-SBBSs mill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-ESMA tiffaċilita l-koordinazzjoni tax-xogħol tal-awtoritajiet kompetenti u tivvaluta kwistjonijiet prattiċi li jistgħu jinqalgħu fir-rigward tal-SBBSs.

**Is-sanzjonijiet u l-miżuri ta' rimedju (l-Artikoli minn 15 sa 18)**

Bħala deterrent biex tiġi evitata mġiba abbużiva u tinżamm il-fiduċja fil-prodott, jenħtieġ li jiġu pprovduti sanzjonijiet amministrattivi u miżuri ta' rimedju xierqa għal sitwazzjonijiet fejn prodott li jkun iddikjarat minn SPE bħala SBBS ma jissodisfax ir-rekwiżiti għal dak il-prodott li għandu jitqies bħala SBBS jew rekwiżiti oħra ta' notifika jew trasparenza. Il-fatt li prodott li ġie ddikjarat SBBS huwa fil-fatt SBBS huwa ta' importanza partikolari sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri. Għal din ir-raġuni, l-Artikolu 15 jipprovdi għal proċedura speċifika fejn awtorità kompetenti trid tiddeċiedi jekk prodott li huwa suspettat li mhux konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament huwa SBBS jew le. Jekk sanzjonijiet kriminali għal ċerti ksur ikunu stipulati skont il-liġi nazzjonali, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat li jittrasmettu lill-ESMA u awtoritajiet kompetenti oħra informazzjoni rilevanti dwar investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali relatati mal-ksur. Jenħtieġ li s-sanzjonijiet ikkawżati lill-SPE jiġu ppubblikati. Barra minn hekk, SBBS li jinstab li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fir-Regolament propost jenħtieġ li jitneħħa mingħajr dewmien żejjed mil-lista tal-SBBSs miġbura mill-ESMA.

**Il-monitoraġġ makroprudenzjali (l-Artikolu 19)**

Skont l-analiżi mwettqa qabel il-ħruġ ta' din il-proposta, jidher li l-SBBSs mhux se jkollhom impatt fuq il-likwidità ta' prodotti finanzjarji oħra fis-suq jew ikollhom impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja. Madankollu, billi l-SBBSs huma prodott ġdid huwa xieraq li l-BERS, fil-mandat tiegħu, jimmonitorja l-iżvilupp tas-suq.

**Notifiki (l-Artikolu 20)**

L-Istati Membri għandhom li jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dipożizzjonijiet amministrattivi marbuta mal-implimentazzjoni tal-obbligi ta' superviżjoni u sanzjonijiet previsti fir-Regolament.

**L-emendi għal atti legali oħra (l-Artikoli minn 21 sa 24)**

L-Artikoli minn 21 sa 24 jemendaw xi artikoli ta' atti legali oħra, b'mod partikolari l-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (undertakings for collective investment in transferable securities, UCITS), ir-Regolament dwar ir-Rekwiżit Kapitali (Capital Requirement Regulation, CRR), l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (institutions for occupational retirement provision, IORP II) u d-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni (Solvibbiltà II). Dawn il-modifiki huma meħtieġa biex jiżguraw li l-investiment fl-SBBSs jirċievi trattament regolatorju ekwivalenti fis-setturi finanzjarji kollha regolati fil-livell Ewropew għal dak mogħti lill-assi sottostanti tagħhom, jiġifieri l-bonds sovrani taż-żona tal-euro.

B'mod partikolari, l-UCITS għandhom jirrispettaw ir-regoli tad-diversifikazzjoni, li jistgħu jżommuhom milli jżommu ċerti volumi ta' SBBSs. L-għan li tiġi emendata d-Direttiva dwar il-UCITS huwa li jiġi żgurat li meta l-Istati Membri jawtorizzaw UCITS biex tinvesti sa 100 % f'titoli trasferibbli maħruġa jew garantiti minn korp pubbliku, din l-eċċezzjoni tingħata wkoll lill-SBBSs. Għal dan il-għan, jiddaħħal l-Artikolu 54a ġdid fid-Direttiva.

Għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni, l-SBBSs jiġu ttrattati bħala titolizzazzjoni. Bil-formula standard ta' Solvibbiltà II, kull titolizzazzjoni hija soġġetta għar-rekwiżiti kapitali relatati mar-riskju mifrux fil-kalkolu tar-rekwiżit kapitali bażiku tas-solvibbiltà. L-SBBSs għalhekk ikunu soġġetti għar-rekwiżiti kapitali għar-riskju mifrux, u jqegħduhom fi żvantaġġ relattiv għall-parteċipazzjonijiet diretti tal-bonds sovrani ċentrali tal-Istati Membri ddenominati u ffinanzjati f'munita domestika. L-Artikolu 104 tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II huwa għalhekk emendat billi jiżdied paragrafu ġdid biex jiġi żgurat li għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali, l-SBBSs jiġu ttrattati bħala gvern ċentrali u banek ċentrali tal-Istati Membri ddenominati u ffinanzjati fil-munita domestika tagħhom.

Bl-istess mod, ir-Regolament dwar ir-Rekwiżit Kapitali huwa emendat biex jiżgura li r-rekwiżiti kapitali u l-limiti ta' skopertura għal istituzzjonijiet li għandhom l-SBBSs ikunu l-istess bħal dawk li għandhom direttament il-bonds sovrani tal-Istati Membri. Dan l-għan jintlaħaq, permezz taż-żieda ta' paragrafu għall-Artikolu 268 (kif modifikat mir-Regolament (UE) 2017/2401), billi jiġi estiż għas-segment kollha tal-SBBSs l-approċċ taċ-ċar kristall mogħti lill-iskopertura għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali. Dan jiżgura li l-iskoperturi għas-segmenti kollha tal-SBBSs jiksbu l-istess trattament prudenti bħall-assi sottostanti. Barra minn hekk, billi jiġi emendat l-Artikolu 304, l-istess trattament mogħti lill-bonds sovrani f'rekwiżiti kapitali tar-riskju tas-suq jingħata lill-SBBSs. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 390 huwa wkoll emendat biex jiżgura li għal-limiti ta' skopertura, l-approċċ taċ-ċar kristall użat għat-titolizzazzjoni jiġi applikat ukoll għal skoperturi għall-SBBSs.

Għall-fondi ta' pensjoni okkupazzjonali, id-Direttiva IORP II tistabbilixxi limiti ta' riskju mifrux li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx għal investimenti f'bonds sovrani. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jimponu restrizzjonijiet kwantitattivi għat-titolizzazzjonijiet. Biex jiġi żgurat l-istess trattament għall-SBBSs, jiżdied Artikolu 18a ġdid fid-Direttiva IORP II.

Il-Kummissjoni se tadotta l-bidliet meħtieġa għall-atti ddelegati marbuta mal-biċċiet ta' leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq fejn meħtieġ.

Dan huwa b'mod partikolari l-każ għar-Regolament dwar il-Proporzjon ta' Kopertura tal-Likwidità (Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/61[10]), li għalih il-bidla jenħtieġ li tiżgura li l-SBBSs jkunu kkwalifikati bħala assi tal-Livell 1 li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq il-gvern ċentrali ta' Stat Membru jew li jkunu ggarantiti minn gvern ċentrali ta' Stat Membru, u rekwiżiti prudenzjali ta' assigurazzjoni (ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35[11]) biex jiġi żgurat li r-regoli applikabbli għall-iskoperturi ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni għall-bonds sovrani taż-żona tal-euro jkunu applikabbli wkoll għall-iskoperturi għall-SBBSs.

---

[10] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1).

[11] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

Sakemm (id-dispożizzjonijiet rilevanti fi) l-atti ddelegati bbażati fuq dawn id-Direttivi u r-Regolamenti jiġu emendati, dawn jibqgħu applikabbli bħala tali.

Il-Kummissjoni se tadotta wkoll il-bidliet meħtieġa għall-iskedi tal-prospett u l-elementi importanti (Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2017/1129[12]) biex jiġi żgurat li jiġi stabbilit żvelar xieraq għal dan it-tip ġdid ta' strument finanzjarju, imfassal għall-karatteristiċi tal-prodott. Jenħtieġ li dan isir b'mod proporzjonat, filwaqt li titqies in-natura komparabbli sempliċi tal-prodott u bil-għan li jiġi evitat piż amministrattiv mhux meħtieġ.

[12] Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

2018/0171 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar it-titoli koperti minn bonds sovrani**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[13],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[14],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Titoli Koperti minn Bonds Sovrani (Sovereign Bond-Backed Securities, "SBBS") jistgħu jindirizzaw xi vulnerabbiltajiet li ġew esposti minn jew li rriżultaw mill-kriżi finanzjarja tal-2007-2008. B'mod aktar speċifiku, l-SBBSs jistgħu jgħinu lill-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra jiddiversifikaw aħjar l-iskoperturi tal-gvern tagħhom, idgħajfu aktar ir-rabta bejn il-banek u l-emittenti sovrani u jtejbu l-provvista ta' assi ddenominati fl-euro b'riskju baxx. L-SBBSs jistgħu, barra minn hekk, jirrendu l-bonds maħruġa fi swieq nazzjonali żgħar u anqas likwidi aktar attraenti għall-investituri internazzjonali, li jistgħu jinkoraġġixxu l-kondiviżjoni tar-riskju tas-settur privat u t-tnaqqis tar-riskju u jippromwovu allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riskji fost l-operaturi finanzjarji.

(2) F'il-qafas legali eżistenti, l-SBBSs jiġu ttrattat bħala titolizzazzjonijiet u għalhekk ikunu soġġetit għal tariffi addizzjonali u skontijiet relattivi għat-tariffi u l-iskontijiet ffaċċjati mill-bonds sovrani taż-żona tal-euro fil-portafoll sottostanti. Dawn it-tariffi addizzjonali u l-iskontijiet jimpedixxu l-produzzjoni u l-użu tal-SBBSs mis-settur privat, minkejja li l-SBBSs ma jġorrux ir-riskji assoċjati mat-titolizzazzjonijiet li jiġġustifikaw dawn it-tariffi u skontijiet. Jenħtieġ għalhekk li l-SBBSs ikunu soġġett għal qafas regolatorju li jqis aħjar il-karatteristiċi u l-proprjetajiet uniċi tal-SBBS biex dan il-prodott ikun jista' jitfaċċa fis-suq. Għal dan il-għan, it-tneħħija ta' ostakli regolatorji hija meħtieġa.

(3) L-iffaċilitar ta' żvilupp tas-SBBSs immexxi mis-suq huwa għalhekk parti mill-isforzi tal-Kummissjoni biex tnaqqas ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u tavvanza lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja. L-SBBSs jistgħu jappoġġaw aktar diversifikazzjoni tal-

[13] ĠU C , , p. .
[14] ĠU C , , p. .

portafoll fis-settur bankarju, filwaqt li joħolqu sors ġdid ta' kollaterali ta' kwalità għolja, li huwa partikolarment adattat għall-użu fi transazzjonijiet finanzjarji transfruntiera. Barra minn hekk, l-iffaċilitar tal-SBBSs jista' wkoll iżid in-numru ta' strumenti disponibbli għall-investiment transfruntiera u l-kondiviżjoni tar-riskju, li jimbotta l-isforzi tal-Kummissjoni biex tapprofondixxi u tintegra aktar swieq kapitali tal-Ewropa fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

(4) L-SBBSs ma jinvolvu l-ebda reċiproċità ta' riskji u telf fost l-Istati Membri minħabba li l-Istati Membri mhux se jiggarantixxu reċiprokament ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom fil-portafoll ta' bonds sovrani sottostanti tal-SBBSs. Barra minn hekk, l-iffaċilitar ta' tfaċċar tal-SBBSs ma jinvolvi l-ebda bidla fit-trattament regolatorju attwali tal-iskoperturi tal-gvern.

(5) Biex jinkisbu l-għanijiet tad-diversifikazzjoni tar-riskju ġeografiku fl-Unjoni Bankarja u s-suq intern, il-portafoll sottostanti tal-SBBSs jenħtieġ li jkun magħmul minn bonds sovrani ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Biex jiġu evitati r-riskji tal-munita, bonds sovrani iddenominati fl-euro maħruġa minn Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro biss jenħtieġ li jitħallew jiddaħħlu fil-portafoll sottostanti tal-SBBSs. Biex jiġi żgurat li l-bonds sovrani ta' kull Stat Membru fiż-żona tal-euro jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-SBBSs f'konformità mal-ishma ta' kull Stat Membru fl-istabbiltà taż-żona tal-euro globali, il-piż relattiv tal-bonds sovrani nazzjonali fil-portafoll sottostanti tal-SBBSs jenħtieġ li jkun ħafna qrib il-piż relattiv tal-Istati Membri rispettivi fil-kjavi għas-sottoskrizzjoni mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(6) Biex jipprovdi għal assi ta' kwalità għolja b'riskju baxx u fl-istess ħin jissodisfa l-livelli differenti ta' aptit għar-riskju tal-investituri, ħruġ ta' SBBSs jenħtieġ li jkun magħmul minn segment superjuri u segment subordinat wieħed jew aktar. Is-segment superjuri, li jikkorrispondi għal 70 fil-mija tal-valur nominali ta' ħruġ ta' SBBSs, jenħtieġ li jżomm ir-rata ta' telf mistennija tal-SBBSs f'konformità ma' dik tal-bonds sovrani l-aktar sikuri fiż-żona tal-euro, filwaqt li jitqiesu r-riskju u l-korrelazzjoni tal-bonds sovrani fil-portafoll sottostanti tal-SBBSs ta' bonds sovrani. Is-segmenti subordinati għandhom jipprovdu protezzjoni għas-segment superjuri. Jenħtieġ li s-superjorità tas-segmenti tiddetermina l-ordni li fih it-telf fuq il-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani għandu jitħallas mill-investituri. Biex jiġi limitat ir-riskju tas-segment inferjuri (is-segment li jġarrab telf qabel kull segment ieħor), jenħtieġ li l-valur nominali tas-segment inferjuri jkun ta' mill-inqas 2 % tal-valuri nominali pendenti tal-ħarġa totali tal-SBBSs.

(7) Biex tiġi żgurata l-integrità ta' SBBSs u jiġu llimitati kemm jista' jkun ir-riskji relatati maż-żamma u l-immaniġġar tal-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani, jenħtieġ li l-maturitajiet tal-bonds sovrani sottostanti jkunu allinjati mill-qrib mal-maturità tal-SBBSs u l-kompożizzjoni tal-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani jenħtieġ li tkun fissa għaċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-SBBSs.

(8) Il-kompożizzjoni standardizzata tal-portafoll sottostanti ta' SBBSs tista' tirrendi diffiċli jew tfixkel il-ħruġ ta' SBBSs meta bonds sovrani ta' Stat Membru wieħed jew aktar ma jkunux disponibbli fis-suq. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu esklużi bonds sovrani ta' Stat Membru partikolari minn ħruġ futur ta' SBBSs meta u sakemm l-ħruġ tal-bonds sovrani minn dak l-Istat Membru jkun limitat b'mod sinifikanti minħabba l-ħtieġa mnaqqsa għall-aċċess għad-dejn pubbliku jew għas-suq indebolit.

(9) Biex jiġi żgurat li l-SBBSs ikunu omoġenji biżżejjed, l-esklużjoni u r-riintegrazzjoni ta' bonds sovrani ta' Stat Membru partikolari mill-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani jenħtieġ li jitħallew biss wara deċiżjoni tal-Kummissjoni, li tiżgura li l-SBBSs kollha maħruġa fl-istess ħin ikollhom l-istess portafoll sottostanti ta' bonds sovrani.

(10) Id-daqs fiss tas-segment superjuri għal kull ħruġ tal-SBBSs jista' jitnaqqas għall-ħruġ futur tal-SBBSs fejn, minħabba żviluppi avversi tas-suq li jfixklu serjament il-funzjonament tas-swieq tad-dejn tal-gvern fi Stat Membru jew fl-Unjoni, huwa meħtieġ daqs iżgħar biex jiġu żgurati l-kwalità għolja tal-kreditu u r-riskju baxx kontinwi għas-segment superjuri. Meta jispiċċaw dawn l-iżviluppi avversi tas-suq, id-daqs tas-segment superjuri għall-ħruġ fil-futur tal-SBBSs jenħtieġ li jitnaqqas b'mod korrispondenti għall-valur inizjali tiegħu ta' 70 fil-mija. Biex jiġi żgurat li l-SBBSs jkunu standardizzati, jenħtieġ li l-varjazzjoni tas-segment superjuri tkun permessa biss wara deċiżjoni tal-Kummissjoni, li tiżgura li s-segmenti superjuri kollha tal-SBBSs maħruġa fl-istess ħin ikollhom l-istess daqs.

(11) Jenħtieġ li l-investituri jkunu protetti mir-riskju ta' insolvenza tal-istituzzjoni li takkwista l-bonds sovrani ("xerrej oriġinali") bl-iskop li jinġabar il-portafoll sottostanti tal-SBBSs. Għal din ir-raġuni, huma biss l-entitajiet bi skop speċjali (special purpose entities, "SPEs") li huma ddedikati esklużivament għall-ħruġ u l-immaniġġar tal-SBBSs u li ma jwettqux attivitajiet oħra, bħall-għoti ta' kreditu, biss jenħtieġ li jitħallew joħorġu l-SBBSs. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-SPEs ikunu soġġetti għal rekwiżiti stretti ta' segregazzjoni tal-assi.

(12) Sabiex jimmaniġġaw diskrepanzi limitati fil-maturità fil-perjodu ta' żmien bejn il-wasla tal-qligħ tas-servizz tad-dejn fuq il-portafoll sottostanti u d-dati tal-ħlas lill-investituri tal-SBBSs, jenħtieġ li l-SPEs jitħallew jinvestu l-qligħ mis-servizz tad-dejn fuq il-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani tal-SBBSs biss fi flus u strumenti finanzjarji likwidi ħafna b'riskju baxx tas-suq u tal-kreditu.

(13) Huma biss il-prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti rigward il-kompożizzjoni u l-maturità tal-portafoll sottostanti kif ukoll id-daqs tas-segmenti superjuri u subordinati kif stipulat f'dan ir-Regolament li jenħtieġ li jgawdu l-istess trattament regolatorju bħat-trattament regolatorju mogħti lill-iskoperturi tal-gvern f'termini ta' rekwiżiti kapitali, limiti ta' konċentrazzjoni, u likwidità.

(14) Sistema ta' awtoattestazzjoni mill-SPEs jenħtieġ li tiżgura li l-ħruġ ta' SBBSs jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-ESMA għalhekk iżżomm lista tal-SBBSs maħruġa, li tippermetti lill-investituri jivverifikaw jekk prodott li jkun offrut għall-bejgħ bħala SBBS ikunx tassew SBBSs. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-ESMA tindika f'dik il-lista jekk tkunx ġiet imposta kwalunkwe sanzjoni fir-rigward ta' SBBS ġietx imposta u tneħħi minn din il-lista dawk il-prodotti li jinstabu li jkunu qed jiksru dan ir-Regolament.

(15) Jenħtieġ li l-investituri jkunu jistgħu jserrħu fuq in-notifika tal-SBBSs mill-SPEs lill-ESMA u fuq l-informazzjoni pprovduta mill-SPEs. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-SBBSs u l-bonds sovrani fil-portafoll sottostanti tagħti s-setgħa lill-investituri biex jifhmu, jivvalutaw u jqabblu t-tranżazzjonijiet tal-SBBSs u ma joqogħdux biss fuq terzi persuni, inklużi aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Jenħtieġ li din il-possibbiltà tippermetti lill-investituri biex jaġixxu b'mod prudenti u li jwettqu d-diliġenza dovuta tagħhom b'mod effiċjenti. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-SBBSs għalhekk tkun disponibbli b'mod liberu għall-investituri, permezz ta' mudelli standardizzati, fuq sit web li jiżgura aċċessibbiltà kontinwa.

(16) Sabiex tiġi evitata mġiba abbużiva u biex jiġi żgurat li tinżamm il-fiduċja fl-SBBSs, jenħtieġ li jiġu pprovduti sanzjonijiet amministrattivi u miżuri ta' rimedju xierqa mill-Istati Membri għall-każijiet ta' ksur negliġenti jew intenzjonat tan-notifiki jew rekwiżiti tal-prodott għall-SBBSs.

(17) Jenħtieġ li l-investituri f'setturi finanzjarji differenti jkunu jistgħu jinvestu fl-SBBSs taħt l-istess kundizzjonijiet li jinvestu fil-bonds sovrani sottostanti taż-żona tal-euro. Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15], ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16], id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u d-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] jenħtieġ li għalhekk jiġu emendati biex jiġi żgurat li l-SBBS jingħataw l-istess trattament regolatorju bħall-assi sottostanti tagħhom fid-diversi setturi finanzjarji rregolati.

(18) Biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, tiġi żgurata l-fiduċja tal-investituri u tiġi promossa l-likwidità, superviżjoni xierqa u effettiva tas-swieq tal-SBBSs hija importanti. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu infurmati dwar il-ħruġ tal-SBBSs u jenħtieġ li jirċievu mill-SPEs u l-intermedjarji l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex iwettqu l-kompiti superviżorji tagħhom. Is-superviżjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li ssir primarjament biex tiżgura l-protezzjoni tal-investituri u, fejn applikabbli, fuq aspetti li jistgħu jkunu marbuta mal-ħruġ u ż-żamma tal-SBBSs minn entitajiet irregolati finanzjarji.

(19) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkoordinaw mill-qrib is-superviżjoni tagħhom u jiżguraw li d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu konsistenti. Jekk il-ksur ta' dan ir-Regolament ikun jikkonċerna t-twettiq tal-obbligi meħtieġa biex prodott jikkwalifika bħala SBBS, l-awtorità kompetenti li tidentifika dak il-ksur jenħtieġ li tinforma kemm lill-ESMA kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati. Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-ESMA teżerċita s-setgħat vinkolanti tagħha ta' medjazzjoni skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19].

(20) Minħabba li l-SBBSs huma prodotti ġodda, huwa xieraq li l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u maħtura għal strumenti makroprudenzjali jissorveljaw is-suq tal-SBBSs.

(21) Bħala korp b'kompetenza speċjalizzata ħafna dwar is-swieq tat-titoli, huwa xieraq li l-ESMA tiġi fdata bl-iżvilupp ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji għall-

---

15 Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (undertakings for collective investments in transferable securities, UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

16 Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

17 Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

18 Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (institutions for occupational retirement provision, IORPs), (ĠU L 354, 23.12.2016, p.37).

19 Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L331, 15.12.2010, p. 84).

preżentazzjoni lill-Kummissjoni dwar it-tipi ta' investiment li tista' twettaq l-SPE bil-qligħ mill-pagamenti tal-kapital jew tal-imgħax tal-portafoll sottostanti tal-SBBSs, l-informazzjoni li għandha tingħata mill-SPE biex il-prodotti tagħhom jikkwalifikaw bħala SBBSs u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-kuntratt dwar it-trasferiment ta' pożizzjoni f'SBBSs. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta dawn l-istandards skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u bl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(22) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata wkoll is-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fir-rigward tar-rekwiżiti tan-notifika tal-SPEs qabel il-ħruġ tal-SBBSs.

(23) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiddeċiedi, fuq parir tekniku mill-ESMA, jekk il-bonds sovrani ta' Stat Membru għandhomx jitneħħew jew jiġu inklużi fil-portafoll sottostanti tal-SBBSs u jekk għandux jinbidel id-daqs tas-segment superjuri tal-SBBSs fil-futur. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20].

(24) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas għall-SBBSs, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, billi l-itfaċċar ta' suq tal-SBBSs jiddependi mit-tneħħija ta' ostakli li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern għall-investituri istituzzjonali u l-entitajiet kollha involuti fl-operat tal-SBBSs, jistgħu jintlaħqu biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkiseb dan il-għan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# Kapitolu 1

### Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titoli koperti minn bonds sovrani.

20 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament japplika għal xerrejja oriġinali, entitajiet bi skop speċjali, investituri u kwalunkwe entità oħra involuta fil-ħruġ jew iż-żamma tal-SBBSs.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità pubblika jew korp rikonoxxut uffiċjalment bil-liġi nazzjonali li għandu s-setgħa bil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni li jwettaq il-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(2) "bond tal-gvern" tfisser kwalunkwe strument ta' dejn maħruġ mill-gvern ċentrali ta' Stat Membru li jkun ddenominat u ffinanzjat fil-munita domestika ta' dak l-Istat Membru u jkollu maturità oriġinali ta' sena jew aktar;

(3) "titolu kopert minn bonds sovrani" jew "SBBS" tfisser strument finanzjarju ddenominati fl-euro li r-riskju ta' kreditu tiegħu huwa assoċjat mal-iskoperturi għal portafoll ta' bonds sovrani u li jikkonforma ma' dan ir-Regolament.

(4) "entità bi skop speċjali" jew "SPE" tfisser persuna ġuridika, minbarra x-xerrej oriġinali, li toħroġ l-SBBSs u twettaq l-attivitajiet relatati mal-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani skont l-Artikoli 7 u 8 ta' dan ir-Regolament;

(5) "xerrej oriġinali" tfisser persuna ġuridika li tixtri bonds sovrani f'isimha stess u sussegwentement tittrasferixxi dawk il-bonds sovrani lil SPE bl-iskop li toħroġ SBBSs;

(6) "investitur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jkollha SBBSs;

(7) "segment" tfisser segment stabbilit kuntrattwalment tar-riskju tal-kreditu assoċjat mal-portafoll sottostanti tal-SBBSs ta' bonds sovrani u li jġorr riskju ta' telf ta' kreditu akbar jew iżgħar minn pożizzjoni tal-istess ammont f'segment ieħor ta' dak ir-riskju ta' kreditu;

(8) "segment superjuri" tfisser is-segment fi ħdan ħruġ ta' SBBSs li jġarrab telf wara li s-segmenti subordinati kollha ta' dak l-SBBSs ikunu għamlu hekk;

(9) "segment subordinat" tfisser kwalunkwe segment fi ħruġ ta' SBBSs li jġarrab telf qabel is-segment superjuri;

(10) "segment inferjuri" tfisser is-segment fi ħruġ ta' SBBSs li jġarrab telf qabel kwalunkwe segment ieħor;

# Kapitolu 2

**Kompożizzjoni, maturità u struttura tal-SBBSs**

*Artikolu 4*

**Kompożizzjoni tal-portafoll sottostanti**

1. Il-portafoll sottostanti ta' ħarġa ta' SBBSs għandu jikkonsisti biss minn dan li ġej:

(a) bonds sovrani ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro;

(b) il-qligħ mit-tifdija ta' dawk il-bonds sovrani.

2. Il-piż tal-bonds sovrani ta' kull Stat Membru fi ħdan il-portafoll sottostanti tal-SBBS ("piż bażi") għandu jkun daqs il-piż relattiv tal-kontribuzzjoni lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) minn dak l-Istat Membru skont il-kjavi għas-sottoskrizzjoni , mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri, tal-kapital imħallas tal-BĊE kif stabbilit fl-Artikolu 29 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE.

L-SPEs jistgħu madankollu jiddevjaw mill-valur nominali ta' bonds sovrani ta' kull Stat Membru, kif mogħti bl-applikazzjoni tal-piż bażi, b'massimu ta' ħamsa fil-mija.

3. Il-bonds sovrani ta' Stat Membru għandhom ikunu esklużi mill-portafoll sottostanti tal-SBBSs fejn il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi li teżisti kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) matul it-12-il xahar ta' qabel ("perjodu ta' referenza"), l-Istat Membru jkun ħareġ anqas minn nofs l-ammont ta' bonds sovrani li jirriżultaw mill-piż relattiv tiegħu determinat skont il-paragrafu 1, immultiplikat bl-ammont aggregat tal-SBBSs maħruġa fit-tnax-il xahar qabel il-perjodu ta' referenza;

(b) matul it-12-il xahar ta' qabel, l-Istat Membru jkun iffinanzja mill-inqas nofs ir-rekwiżiti finanzjarji annwali tiegħu permezz ta' assistenza finanzjarja uffiċjali b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku kif speċifikat fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21].

Fejn japplika l-ewwel subparagrafu, l-SPEs għandhom jiddeterminaw il-piżijiet bażi tal-bonds sovrani tal-bqija tal-Istati Membri billi jeskludu l-bonds sovrani tal-Membru msemmi fl-ewwel subparagrafu u japplikaw il-metodu tal-kalkolu tal-paragrafu 1.

4. L-ESMA għandha timmonitorja u tivvaluta jekk is-sitwazzjoni msemmija fil-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 3 teżistix jew tkunx waqfet teżisti u tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi li s-sitwazzjoni msemmija fil-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 3 tkun teżisti jew tkun waqfet teżisti. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jkun adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 26(2).

[21] Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

*Artikolu 5*

**Maturità tal-assi sottostanti**

1. Is-segmenti tal-SBBSs li huma parti mill-istess ħruġ għandu jkollhom data ta' maturità oriġinali waħda. Din id-data ta' maturità għandha tkun ugwali għal jew sa jum aktar mill-maturità li jidfal tal-bond tal-gvern bl-itwal maturità li jifdal fil-portafoll sottostanti.

2. Il-maturità li jifdal ta' kwalunkwe bonds sovrani fil-portafoll sottostanti ta' SBBSs ma għandhiex tkun iqsar minn sitt xhur mill-maturità li jifdal tal-bond tal-gvern bl-itwal maturità li jifdal f'dan il-portafoll.

*Artikolu 6*

**Struttura tas-segmenti, pagament u telf**

1. Ħarġa ta' SBBSs għandha tkun magħmula minn segment wieħed superjuri u segment subordinat wieħed jew aktar. Il-valur nominali pendenti tas-segment superjuri għandu jkun 70 fil-mija tal-valur nominali pendenti tal-ħruġ kollu tal-SBBSs. In-numru u l-valuri nominali pendenti tas-segmenti subordinati għandhom jiġu ddeterminati mill-SPE, soġġetti għal-limitazzjoni li l-valur nominali tas-segment inferjuri ikun mill-inqas tnejn fil-mija tal-valur nominali pendenti tal-ħruġ kollu tal-SBBS.

2. Jekk l-iżviluppi avversi jfixklu serjament il-funzjonament tas-swieq tad-dejn tal-gvern fi Stat Membru jew fl-Unjoni, u jekk dan it-tfixkil ikun ġie kkonfermat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4, l-SPEs għandhom ibaxxu l-valur nominali pendenti tas-segment superjuri għal sittin fil-mija għal kwalunkwe SBBSs maħruġa wara dik il-konferma.

   Jekk il-Kummissjoni, skont il-paragrafu 4, tkun ikkonfermat li dak it-tfixkil ma jkunx baqa' jeżisti, għandu japplika l-paragrafu 1 għall-SBBSs kollha maħruġa wara dik il-konferma.

3. L-ESMA għandha timmonitorja u tivvaluta jekk is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tkunx teżisti jew tkunx waqfet milli teżisti u tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi li t-tfixkil imsemmi fil-paragrafu 2 ikunx jeżisti jew ma jkunx baqa' jeżisti. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jkun adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 26(2).

5. Il-pagamenti skont l-SBBS għandhom ikunu dipendenti fuq il-pagamenti tal-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani.

6. Id-distribuzzjoni tat-telf u l-ordni tal-pagamenti għandhom jiġu stabbiliti mis-segment tal-SBBS u għandhom jkunu fissi għaċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-SBBS.

   It-telf għandu jiġi rikonoxxut u assenjat hekk kif jimmaterjalizza.

*Artikolu 7*

**Ħruġ tal-SBBS u obbligi tal-SPEs**

1. L-SPEs għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

   (a) ikunu stabbiliti fl-Unjoni;

   (b) l-attivitajiet tagħhom ikunu limitati għall-ħruġ u l-għoti ta' servizz tal-SBBS u l-immaniġġjar tal-portafoll sottostanti ta' dawk l-SBBS skont l-Artikoli 4, 5, 6 u 8;

   (c) L-SPEs huma unikament responsabbli għall-provvista tas-servizzi u l-attivitajiet imsemmija fil-punt (b).

2. L-SPEs għandu jkollhom pussess sħiħ tal-portafoll sottostanti tal-SBBS.

   Il-portafoll sottostanti ta SBBS għandu jikkostitwixxi arranġament finanzjarju kollaterali ta' sigurtà kif definit fl-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] li jiżgura l-obbligi finanzjarji tal-SPE lejn l-investituri fl-SBBS.

   Iż-żamma tal-SBBS ta' ħruġ speċifiku ma għandhiex tipprovdi għal xi drittijiet jew pretensjonijiet fuq l-assi tas-SPE li toħroġ l-SBBS li jmorru lil hinn mill-portafoll sottostanti ta' dak il-ħruġ u d-dħul iġġenerat miż-żamma ta' dak l-SBBS.

   Kwalunkwe tnaqqis fil-valur jew qligħ tal-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani ma għandux iwassal għal pretensjoni ta' responsabbiltà mill-investituri.

3. SPE għandha żżomm ir-rekords u l-kontijiet sabiex:

   (a) tissegrega l-assi u r-riżorsi finanzjarji tagħha stess minn dawk tal-portafoll sottostanti tal-SBBS u l-qligħ relatat;

   (b) tissegrega l-portafolli sottostanti u l-qligħ ta' ħarġiet differenti tal-SBBS;

   (c) tissegrega l-pożizzjonijiet miżmuma minn investituri jew intermedjarji differenti;

   (d) tivverifika li fi kwalunkwe ħin in-numru ta' strumenti tal-SBBS ta' ħruġ wieħed ikun ugwali għas-somma tal-istrumenti tal-SBBS miżmuma mill-investituri jew intermedjarji kollha f'dak il-ħruġ;

   (e) tivverifika li l-valur nominali pendenti tal-SBBS ta' ħruġ wieħed ikun ugwali għall-valur nominali pendenti tal-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani ta' dak il-ħruġ.

4. L-SPEs għandhom iżommu l-bonds sovrani msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) taħt kustodja, kif permess skont il-punt (1) tat-Taqsima B tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] u l-punt (2) tat-Taqsima A tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]

---

[22] Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43).

[23] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

[24] Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012, L 257, 28.8.2014, p. 1

f'banek ċentrali, depożitarji ċentrali tat-titoli, istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati jew ditti tal-investiment awtorizzati biss.

*Artikolu 8*

**Politika ta' investiment**

1. SPE għandha tinvesti l-pagamenti tal-kapital jew tal-imgħax mill-bonds sovrani msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) li jkunu dovuti qabel pagamenti tal-kapital jew tal-imgħax taħt l-SBBS fi flus kontanti biss, jew fi strumenti finanzjarji likwidi ħafna ddenominati fl-euro b'riskju baxx tas-suq u tal-kreditu. Dawn l-investimenti għandhom ikunu eliġibbli għal-likwidazzjoni fi żmien jum b'effett negattiv minimu tal-prezz.

   SPE għandha żżomm f'kustodja, kif permess skont il-punt (1) tat-Taqsima B tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE u l-punt (2) tat-Taqsima A tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 909/2014 il-pagamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu f'banek ċentrali, depożitarji ċentrali tat-titoli, istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati jew ditti tal-investiment awtorizzati biss.

2. SPE ma għandhiex tbiddel il-portafoll sottostanti ta' SBBS sal-maturità ta' dak l-SBBS.

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-istrumenti finanzjarji li jistgħu jitqiesu likwidi ħafna b'riskju minimu tas-suq u tal-kreditu kif imsemmi fil-paragrafu 1. L-ESMA għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni [fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

   Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

# Kapitolu 3

# L-użu tad-denominazzjoni SBBS u r-rekwiżiti ta' notifika, trasparenza u informazzjoni

*Artikolu 9*

**L-użu tad-denominazzjoni "Titoli Koperti minn bonds sovrani"**

Id-denominazzjoni "Titoli Koperti minn bonds sovrani" jew "SBBS" għandha tintuża biss għall-prodotti finanzjarji li jikkonformaw maż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prodott finanzjarju jkun jikkonforma b'mod kontinwu mal-Artikoli 4, 5 u 6;

(b) L-ESMA ġiet innotifikata dwar dan il-prodott finanzjarju skont l-Artikolu 10(1) u l-prodott finanzjarju ġie inkluż fil-lista msemmija fl-Artikolu 10(2).

*Artikolu 10*

**Rekwiżiti ta' notifika tal-SBBS**

1. SPE għandha tinnotifika lill-ESMA mill-inqas ġimgħa qabel il-ħruġ ta' SBBS u permezz tal-mudell imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu li ħruġ tal-SBBS jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikoli 4, 5 u 6. L-ESMA għandha tinforma b'dan lill-awtorità kompetenti tal-SPE mingħajr dewmien żejjed.

2. L-ESMA għandha żżomm lista tal-SBBS kollha li ġew innotifikati mill-SPEs fuq is-sit web uffiċjali tagħha. L-ESMA għandha taġġorna dik il-lista istantanjament u tneħħi kwalunkwe SBBS li ma jkunx għadu meqjus bħala SBBS wara deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 15.

3. Awtorità kompetenti li tkun imponiet miżuri ta' rimedju jew sanzjonijiet amministrattivi kif imsemmi fl-Artikolu 15 għandha tinnotifika immedjatament lill-ESMA b'dan. L-ESMA għandha tindika minnufih fuq il-lista msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li awtorità kompetenti imponiet sanzjoni amministrattiva li minnhom ma jistax isir appell, b'rabta mal-SBBS ikkonċernat.

4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

   L-ESMA għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni [fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

   Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-mudelli li għandhom jintużaw għall-provvista tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

   L-ESMA għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni [fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

   Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi tal-implimentazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 11*

**Rekwiżiti ta' trasparenza**

1. Jenħtieġ li SPE, mingħajr dewmien, tipprovdi lill-investituri u lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni li ġejja:

   (a) informazzjoni dwar il-portafoll sottostanti li huwa essenzjali biex jiġi vvalutat jekk il-prodott finanzjarju jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikoli 4, 5 u 6;

   (b) deskrizzjoni dettaljata tal-prijorità tal-pagamenti tas-segmenti tal-SBBS;

   (c) fejn ma jkun tfassal l-ebda prospett f'konformità mal-Artikoli 1(4), 1(5) jew 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-

Kunsill[25], ħarsa ġenerali tal-karatteristiċi ewlenin tal-SBBS, inkluż, fejn applikabbli, dettalji dwar il-karatteristiċi tal-iskopertura, il-flussi tal-flus u l-kaskata tat-telf;

(d) in-notifika msemmija fl-Artikolu 10(1).

L-informazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandha tkun disponibbli mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' maturità għall-pagament tal-imgħax tal-SBBS.

2. SPE għandha tagħmel l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 disponibbli fuq sit web li:

(a) ikollu sistema ta' kontroll tal-kwalità tad-*data* li tiffunzjona tajjeb;

(b) ikun soġġett għal standards ta' governanza xierqa u jinżamm u jitħaddem skont struttura organizzattiva li tiżgura l-kontinwità u l-funzjonament tajjeb tas-sit web;

(c) ikun soġġett għal sistemi, kontrolli u proċeduri li jidentifikaw is-sorsi rilevanti kollha ta' riskju operazzjonali;

(d) jinkludi sistemi li jiżguraw il-protezzjoni u l-integrità tal-informazzjoni riċevuta u r-reġistrazzjoni fil-pront ta' dik l-informazzjoni;

(e) jagħmilha possibbli li jinżammu r-rekords tal-informazzjoni għal mill-inqas ħames snin wara d-data tal-maturità ta' kull ħruġ tal-SBBSs.

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-post fejn tkun disponibbli l-informazzjoni għandhom jiġu indikati mill-SPE fid-dokumentazzjoni li tirrigwarda l-SBBSs ipprovduti lill-investituri.

*Artikolu 12*

**Rekwiżiti ta' informazzjoni**

1. Qabel ma jittrasferixxi pożizzjoni f'SBBSs, it-trasferent għandu jipprovdi liċ-ċessjonarju l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) il-proċedura biex jiġi allokat il-qligħ mill-portafoll sottostanti ta' bonds sovrani għas-segmenti differenti tal-SBBSs, inkluż wara jew b'antiċipazzjoni ta' nuqqas ta' pagament fuq l-assi sottostanti;

(b) kif għandhom jiġu assenjati d-drittijiet tal-vot fuq offerta ta' skambju wara jew b'antiċipazzjoni ta' nuqqas ta' pagament fuq kwalunkwe bonds sovrani fil-portafoll sottostanti lill-investituri u kif kwalunkwe telf minn nuqqas ta' pagament ta' dejn għandu jiġi allokat bejn is-segmenti differenti tal-SBBSs.

2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex jispeċifikaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

L-ESMA għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni [fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

[25] Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE, ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12

Qiegħda tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

# Kapitolu 4

# Sorveljanza tal-prodott

*Artikolu 13*

**Superviżjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar biex jissorveljaw il-konformità tal-SPEs ma' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA dwar dawk l-awtoritajiet kompetenti u fejn rilevanti, dwar kif inhuma maqsuma l-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħhom.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun stabbilita fih l-SPE għandha tissorvelja l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji, investigattivi u ta' sanzjonar biex iwettqu dmirijiethom skont dan ir-Regolament.

Huma għandu jkollhom is-setgħa li, tal-inqas:

(a) jitolbu aċċess għal kwalunkwe dokumenti fi kwalunkwe forma sa fejn ikunu relatati mal-SBBSs, u li jirċievu jew jieħdu kopja tagħhom;

(b) jenħtieġu li l-SPE tipprovdi informazzjoni mingħajr dewmien;

(c) jenħtieġu informazzjoni minn kwalunkwe persuna relatata mal-attivitajiet tal-SPE;

(d) iwettqu spezzjonijiet fil-post b'avviż minn qabel jew mingħajru;

(e) jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li SPE tkompli tikkonforma ma' dan ir-Regolament;

(f) joħorġu ordni biex jiżguraw li SPE tkun konformi ma' dan ir-Regolament u tieqaf milli tirripeti kwalunkwe mġiba li tikser dan ir-Regolament.

3. L-ESMA għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista tal-awtoritajiet kompetenti fuq is-sit web tagħha.

*Artikolu 14*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA**

1. L-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom jikkooperaw mill-qrib u jiskambjaw informazzjoni biex iwettqu dmirijiethom. B'mod partikolari, għandhom jikkoordinaw mill-qrib is-superviżjoni tagħhom biex jidentifikaw u jirrimedjaw il-ksur ta' dan ir-Regolament, jiżviluppaw u jippromwovu l-aħjar prattiki, jiffaċilitaw

il-kollaborazzjoni, jinkoraġixxu l-konsistenza fl-interpretazzjoni u jipprovdu valutazzjonijiet ta' ġurisdizzjoni transfruntiera f'każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' qbil.

Biex tiffaċilita l-użu tas-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti u tiżgura l-applikazzjoni u l-infurzar konsistenti tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-ESMA għandha taġixxi skont is-setgħat stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Awtorità kompetenti li għandha raġunijiet ċari u dimostrabbli li SPE tkun qed tikser dan ir-Regolament għandha tinforma minnufih b'mod dettaljat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-SPE. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-SPE għandha tieħu l-miżuri xierqa, inkluża d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 15.

3. Jekk l-SPE tippersisti li taġixxi b'mod li jkun qed tikser dan ir-Regolament b'mod ċar minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita, jew għax dik l-awtorità kompetenti tkun naqset milli tieħu miżuri fi żmien raġonevoli, l-awtorità kompetenti li tkun sabet il-ksur ta' dan ir-Regolament tista', wara li tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-SPE, tieħu l-miżuri xierqa kollha biex tipproteġi lill-investituri, inkluż li tipprojbixxi lill-SPE milli twettaq aktar kummerċjalizzazzjoni tal-SBBSs fit-territorju tagħha u tieħu d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 15.

*Artikolu 15*

**Użu ħażin tad-denominazzjoni tal-SBBS**

1. Jekk ikun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li SPE bi ksur tal-Artikolu 9 tkun użat id-denominazzjoni "SBBS" biex tqiegħed fis-suq prodott li jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-SPE għandha ssegwi l-proċedura stipulata fil-paragrafu 2.

2. Fi żmien 15-il jum wara li tkun saret taf bil-ksur possibbli msemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-SPE b'suspett ta' ksur, għandha tiddeċiedi jekk l-Artikolu 9 ikunx inkiser u għandha tinnotifika lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti l-oħra b'dan, inklużi l-awtoritajiet kompetenti tal-investituri, meta dawk ikunu magħrufa. Awtorità kompetenti li ma taqbilx mad-deċiżjoni meħuda għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti l-oħra dwar in-nuqqas ta' qbil tagħha mingħajr dewmien żejjed. Jekk dan in-nuqqas ta' qbil ma jiġix solvut fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha jkunu ġew innotifikati, il-kwistjoni għandha tiġi rriferuta lill-ESMA skont l-Artikolu 19 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 20 tar- Regolament (UE) Nru 1095/2010 . Il-perjodu ta' konċiljazzjoni msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 għandu jkun ta' xahar.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati ma jaslu għal ftehim fil-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tieħu d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 19 (3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fi żmien xahar. Matul il-proċedura stabbilita f'dan il-paragrafu, SBBS li jidher fil-lista miżmuma mill-ESMA skont l-Artikolu 10(2) għandu jibqa' jitqies bħala SBBS u għandu jinżamm fil-lista.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jaqblu li l-ksur mill-SPE ikun relatat man-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 9 *in bona fede*, jistgħu jiddeċiedu li jagħtu lill-SPE perjodu massimu ta' tliet xhur biex tirrimedja l-ksur identifikat, li jibda mill-jum

li fih l-SPE tkun ġiet infurmata bil-ksur mill-awtorità kompetenti. Matul dak il-perjodu, SBBS li jidher fil-lista miżmuma mill-ESMA skont l-Artikolu 10(2) għandu jibqa' jitqies bħala SBBS u għandu jinżamm f'dik il-lista.

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-obbligi ta' kooperazzjoni u l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata skont il-paragrafi 1 u 2.

L-ESMA għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni [fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Qiegħda tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 16*

**Miżuri ta' rimedju u sanzjonijiet amministrattivi**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt għall-Istati Membri li jistabbilixxu sanzjonijiet kriminali skont l-Artikolu 17, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu lill-SPE jew lill-persuna fiżika li timmaniġġa l-SPE l-miżuri xierqa ta' rimedju, inkluża d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 15 u s-sanzjonijiet amministrattivi xierqa stabbiliti fil-paragrafu 3 fejn l-SPEs:

(a) ikunu naqsu milli jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8;

(b) ikunu naqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9, anki fejn ma jkunux innotifikaw lill-ESMA skont l-Artikolu 10(1) jew ikunu għamlu notifika qarrieqa;

(c) ikunu naqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-trasparenza tal-Artikolu 11.

2. Is-sanzjonijiet amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-identità tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun wettqet il-ksur u n-natura tal-ksur;

(b) ordni li tenħtieġ li l-persuna fiżika jew ġuridika li tkun wettqet il-ksur twaqqaf l-imġiba u li ma tirrepetix dik l-imġiba;

(c) projbizzjoni temporanja li tipprevjeni lil kwalunkwe membru tal-korp maniġerjali tal-SPE jew lil kwalunkwe persuna fiżika oħra miżmuma responsabbli għall-ksur milli jeżerċita funzjonijiet ta' ġestjoni fl-SPEs;

(d) fil-każ ta' ksur kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, projbizzjoni temporanja fuq l-SPE milli tagħmel notifika kif imsemmi fl-Artikolu 10(1);

(e) sanzjonijiet pekunarji amministrattivi ta' massimu ta' EUR 5 000 000, jew fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fi [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], jew ta' massimu ta' 10 % tal-fatturat nett annwali totali tal-SPE, kif stabbilit fil-kontijiet disponibbli l-aktar riċenti approvati mill-korp maniġerjali tal-SPE;

(f) sanzjonijiet pekunarji amministrattivi ta' massimu ta' darbtejn l-ammont tal-benefiċċju miksub mill-ksur meta dak il-benefiċċju jkun jista' jiġi ddeterminat, anki meta dak il-benefiċċju jaqbeż l-ammonti massimi msemmija fil-punt (e).

3. L-awtoritajiet kompetenti, meta jiddeterminaw it-tip u l-livell tas-sanzjonijiet amministrattivi, għandhom iqisu sa fejn il-ksur kien intenzjonat jew jirriżulta minn negliġenza u ċ-ċirkostanzi rilevanti l-oħra kollha, inkluż, fejn xieraq:

(a) il-materjalità, il-gravità u t-tul tal-ksur;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew it-telf evitat mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli, sa fejn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati dawk il-profitti jew telf;

(e) it-telf għal terzi persuni kkawżat mill-ksur;

(f) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli mal-awtorità kompetenti;

(g) ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe deċiżjoni li timponi miżuri ta' rimedju jew sanzjonijiet amministrattivi tkun motivata sewwa u tkun soġġetta għal dritt ta' appell.

*Artikolu 17*

**Interazzjoni ma' sanzjonijiet kriminali**

L-Istati Membri li jkunu stabbilixxew sanzjonijiet kriminali għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 16(1) għandhom jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom is-setgħat kollha meħtieġa biex jikkomunikaw ma' awtoritajiet ġudizzjarji, ta' prosekuzzjoni jew ta' ġustizzja kriminali fil-ġurisdizzjoni tagħhom biex jirċievu minn, u jipprovdu lil, awtoritajiet kompetenti oħra u l-ESMA informazzjoni speċifika dwar investigazzjonijiet jew proċeduri kriminali mibdija għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 16(1).

*Artikolu 18*

**Pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom kwalunkwe deċiżjoni li timponi sanzjoni amministrattiva li fir-rigward tagħha ma jkunx għad hemm dritt ta' appell u li tkun imposta għall-ksur kif imsemmi fl-Artikolu 16(1) mingħajr dewmien żejjed u wara li tkun ġiet infurmata l-persuna kkonċernata.

Il-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur, l-identità tal-persuna fiżika jew ġuridika li fuqha tkun ġiet imposta s-sanzjoni amministrattiva.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw is-sanzjoni amministrattiva fuq bażi anonima, f'konformità mal-liġi nazzjonali, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta s-sanzjoni amministrattiva tiġi imposta fuq persuna fiżika u, wara valutazzjoni minn qabel, jinstab li l-pubblikazzjoni tad-*data* personali tkun sproporzjonata;

(b) meta l-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew investigazzjoni kriminali li tkun għadha għaddejja;

(c) meta l-pubblikazzjoni tikkawża ħsara sproporzjonata lill-SPE jew lill-persuni fiżiċi involuti.

Alternattivament, meta ċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu jkun hemm probabbiltà li jieqfu f'perjodu raġonevoli ta' żmien, il-pubblikazzjoni taħt il-paragrafu 1 tista' tiġi posposta għal tali perjodu ta' żmien.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni ppubblikata taħt il-paragrafu 1 jew 2 tibqa' fuq is-sit web uffiċjali tagħhom għal ħames snin. Id-*data* personali għandha tinżamm fuq is-sit web uffiċjali tal-awtorità kompetenti biss għall-perjodu neċessarju.

*Artikolu 19*

**Sorveljanza makroprudenzjali tas-suq tal-SBBSs**

Fil-limiti tal-mandat tiegħu stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26], il-BERS għandu jkun responsabbli għas-sorveljanza makroprudenzjali tas-suq tal-SBBSs tal-Unjoni u jaġixxi skont is-setgħat stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 20*

**Notifiki tal-Istati Membri**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija fl-Artikoli 13 u 16 lill-Kummissjoni u lill-ESMA sa [*sena mid-data tad- dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA bi kwalunkwe emenda sussegwenti għalihom mingħajr dewmien żejjed.

# Kapitolu 4
# Setgħat ta' implimentazzjoni u dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 21*

**Emenda għad-Direttiva 2009/65/KE**

Fid-Direttiva 2009/65/KE jiddaħħal l-Artikolu 54a li ġej:

---

26 Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

*"Artikolu 54a*

1. Jekk l-Istati Membri japplikaw deroga kif imsemmi fl-Artikolu 54 jew jagħtu rinunzja kif imsemmi fl-Artikolu 56(3), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS għandhom:

(a) japplikaw l-istess deroga jew jagħtu l-istess rinunzja għall-UCITS biex jinvestu sa 100 % tal-assi tagħhom fl-SBBSs kif imfisser fl-Artikolu 3(3) [*tiddaħħal referenza għar-Regolament dwar l-SBBS*] tar-Regolament skont il-prinċipju ta' tixrid tar-riskju fejn dawk l-awtoritajiet kompetenti jqisu li t-titolari ta' unitajiet fl-UCITS ikollhom protezzjoni li tkun ekwivalenti għal dik tat-titolari ta' unitajiet f'UCITS li tikkonforma mal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 52;

(b) għandhom jirrinunzjaw l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 56.

2. Sa [*sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-SBBS*], l-Istati Membri għandhom jadottaw, jippubblikaw u jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-paragrafu 1.".

*Artikolu 22*

**Emenda għad-Direttiva 2009/138/KE**

Fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2009/138/KE, jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. Għall-finijiet tal-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku, l-iskoperturi għat-titoli koperti minn bonds sovrani kif definiti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament [*għandha tiddaħħal ir-referenza tar-Regolament dwar l-SBBS*] għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għall-gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali tal-Istati Membri ddenominati u ffinanzjati fil-munita domestika tagħhom.

Sa [*sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-SBBS*], l-Istati Membri għandhom jadottaw, jippubblikaw u jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-ewwel subparagrafu."

*Artikolu 23*

**Emendi għar-Regolament UE Nru 575/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 268, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. B'deroga mill-ewwel paragrafu, titoli koperti minn bonds sovrani kif definiti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament [*għandha tiddaħħal ir-referenza tar-Regolament dwar l-SBBS*] jistgħu dejjem jiġu ttrattati skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.";

(2) fl-Artikolu 325, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw l-iskoperturi fl-għamla ta' titoli koperti minn bonds sovrani kif definit fl-

Artikolu 3(3) tar-Regolament [*għandha tiddaħħal ir-referenza tar-Regolament dwar l-SBBS*] bħala skoperturi għall-gvern ċentrali ta' Stat Membru.";

(3) fl-Artikolu 390(7), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ewwel subparagrafu għandu japplika għall-iskoperturi għat-titoli koperti minn bonds sovrani kif definit fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament [*għandha tiddaħħal ir-referenza tar-Regolament dwar l-SBBS*]. ".

*Artikolu 24*

**Emenda għad-Direttiva (UE) 2016/2341**

Fid-Direttiva (UE) 2016/2341, jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

"*Artikolu 18a*

**Titoli Koperti minn bonds sovrani**

1. Fir-regoli nazzjonali tagħhom dwar il-valutazzjoni tal-assi tal-IORPs, il-kalkolu tal-fondi proprji tal-IORPs u l-kalkolu ta' marġni ta' solvenza għall-IORPs, l-Istati Membri għandhom jittrattaw it-titoli koperti minn bonds sovrani, kif definit fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament [*għandha tiddaħħal ir-referenza tar-Regolament dwar l-SBBS*], bl-istess mod bħall-istrumenti ta' dejn tal-gvern taż-żona tal-euro.

2. Sa [*sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], l-Istati Membri għandhom jadottaw, jippubblikaw u jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-paragrafu 1.".

*Artikolu 25*

**Klawżola ta' evalwazzjoni**

Mhux aktar kmieni minn ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u ladarba ssir disponibbli *data* suffiċjenti, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament li tivvaluta jekk tkunx laħqet l-objettivi tagħha biex telimina ostakli regolatorji mhux meħtieġa għat-tfaċċar tal-SBBSs.

*Artikolu 26*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Ewropew tat-Titoli stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE[27]. Dan il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[27] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE tas-6 ta' Ġunju 2001 li tistabbilixxi l-Kumitat tat-Titoli Ewropej (ĠU L 191, 13.7.2011. p. 45).

*Artikolu 27*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM / ABB

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA**

3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' terzi persuni*

**3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>dwar it-titoli koperti minn bonds sovrani |

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

| |
|---|
| Regolamentazzjoni tas-Suq Finanzjarju, Unjoni Bankarja |

### 1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

☑ Il-proposta / L-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta / L-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja**[28]

☐ Il-proposta / L-inizjattiva hija relatata mal- **estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta / L-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta / tal-inizjattiva*

| |
|---|
| Il-proposta hija parti mill-ambizzjonijiet tal-Kummissjoni li tlesti l-Unjoni Bankarja billi tippromwovi t-tnaqqis tar-riskju u l-kondiviżjoni tar-riskju tas-settur privat. Din tikkonsisti f'qafas ta' abilitazzjoni li jegħleb l-impedimenti regolatorji preżenti għal Titoli Koperti minn Bonds Sovrani (Sovereign Bond-Backed Securities, SBBSs) li jirriżultaw mid-differenza fit-trattament bejn l-SBBSs stess u l-bonds sovrani, li jikkostitwixxu l-portafoll sottostanti tal-SBBSs. L-SBBSs jistgħu jgħinu lill-banek (u istituzzjonijiet oħra) jiddiversifikaw il-portafolli ta' bonds sovrani tagħhom u jdgħajfu r-rabta bejn il-banek u l-emittenti sovrani, li minkejja li l-progress riċenti f'xi każijiet tibqa' b'saħħitha. |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku(ċi)*

| |
|---|
| <u>Objettiv speċifiku Nru</u><br><br>Għal assi bħall-SBBSs li għandu jkun "iffaċilitat", u b'hekk jippermetti test tas-suq tal-vijabbiltà tiegħu, iridu jintlaħqu ż-żewġ objettivi speċifiċi li ġejjin:<br><br>1. Jiġi eliminat tfixkil regolatorju mhux meħtieġ (jiġifieri, terġa' tinbeda "newtralità" regolatorja għall-SBBSs).<br><br>2. Tiġi inkoraġġuta l-likwidità u l-kwalità ta' "punt ta' riferiment" (jiġifieri, l-istrument il-ġdid għandu jiġi ttrattat bħal punti ta' riferiment—likwidità *de jure*— u għandu jkun kapaċi jilħaq massa/standardizzazzjoni kritika suffiċjenti sabiex ikun likwidu *de facto* wkoll). |

[28] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju

### 1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

*Jiġu speċifikati l-effetti li l-proposta / l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji / gruppi fil-mira.*

Il-partijiet ikkonċernati prinċipali li jkunu affettwati mil-leġiżlazzjoni proposta jinkludu banek (u istituzzjonijiet finanzjarji oħra soġġetti għal CRR / CRD), maniġers ta' assi oħra, l-arranġaturi / emittenti tal-prodott, superviżuri u uffiċjali ta' ġestjoni tad-dejn (bħala prokuri għall-effett tal-leġiżlazzjoni u l-SBBSs dwar is-swieq nazzjonali tad-dejn tal-gvern).

L-impatt, kemm f'termini ta' benefiċċji potenzjali kif ukoll ta' spejjeż potenzjali, jiddependi fuq id-daqs tas-suq għal dan il-prodott finanzjarju ġdid. L-intervent propost għandu l-għan biss li "jiffaċilita" dan il-prodott ġdid, li bħalissa għadu ma jeżistix. Madanakollu, il-vijabbiltà ta' dan il-prodott ġdid, u għalhekk sa fejn jista' jiżviluppa suq għal dan il-prodott finanzjarju ġdid, tiddependi wkoll minn fatturi oħra minbarra t-trattament regolatorju tagħhom u għalhekk jista' jiġi aċċertat biss permezz ta' test tas-suq—li l-intervent propost jagħmlu possibbli.

F'termini ġenerali, jekk l-SBBSs—ladarba ffaċilitati minn perspettiva regolatorja billi, pereżempju, jiġu eliminati ħlasijiet addizzjonali regolatorji fir-rigward tar-rekwiżiti kapitali u r-rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità—juru li jkunu vijabbli, huma mistennija l-benefiċċji li ġejjin:

- Id-disponibbiltà ta' prodott ġdid li jgħin lill-banek, l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, l-fondi ta' pensjonijiet u investituri oħra biex jiddiversifikaw il-portafolli ta' bonds sovrani tagħhom.

- L-istabbiltà finanzjarja mtejba billi l-SBBSs jgħinu biex tiddgħajjef ir-rabta bejn il-banek u l-emittenti sovrani. Barra minn hekk, l-SBBSs jistgħu juru wkoll li huma stabilizzanti fi żminijiet ta' stress fis-suq finanzjarju billi s-sehem tal-bonds sovrani pendenti miżmuma fil-portafolli tal-SBBSs ma jkunx responsabbli għall-bejgħ bl-għaġġla.

- Il-bażi ta' investitur estiża għad-dejn tal-gvern Ewropew, effett li huwa mistenni li jkun akbar għal Stati Membri iżgħar li l-bonds sovrani tagħhom ma jistgħux ikunu fuq l-iskrin tar-radar ta' investituri internazzjonali.

- Il-benefiċċji indiretti għall-investituri fil-livell tal-konsumatur, familji u SMEs sal-punt li jimmaterjalizzaw l-benefiċċji msemmija hawn fuq f'termini ta' stabbiltà finanzjarja msaħħa.

Fir-rigward tal-ispejjeż, dawn huma mistennija li jkunu limitati.

- Għaċ-ċittadini/konsumaturi, l-ispejjeż limitati indiretti jistgħu jidhru minħabba l-impatt tal-SBBSs fuq xi likwidità tas-swieq tal-bonds sovrani li tista' twassal għal spejjeż ogħla ta' finanzjament, li min-naħa tagħhom jiġu mġarrba mill-kontribwent. Jekk l-SBBSs jidhru li jkunu vijabbli, dawn l-effetti x'aktarx jiġu kkumpensati bit-tnaqqis fir-riskju ġenerali (u għalhekk l-ispejjeż tas-self) minn stabbiltà finanzjarja msaħħa.

- L-emittenti tal-SBBSs ikollhom iħallsu l-ispejjeż limitati tal-ħolqien ta' tali prodott, bħall-ispejjeż legali tat-twaqqif tal-vettura tal-ħruġ, eċċ.

- L-amministrazzjonijiet (il-Kummissjoni, l-ESMA, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali ...) iħallsu l-ispejjeż pjuttost limitati tal-abbozzar tal-leġiżlazzjoni u tal-interventi leġiżlattivi li jkunu meħtieġa fil-futur biex jadattawha għaċ-ċirkostanzi li jkunu qed jevolvu. L-istrument il-ġdid iwassal ukoll għal spejjeż ta' superviżjoni, iżda dawn x'aktarx ikunu marġinali (billi s-superviżuri xorta jkunu meħtieġa jissorveljaw l-investituri tal-SBBSs).

### 1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Jiġu speċifikati l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.*

L-impatt tal-leġiżlazzjoni jista' jiġi vvalutat billi jiġi mmonitorjat sa fejn dawn il-prodotti ġodda jkunu attwalment maħluqa u nnegozjati. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-leġiżlazzjoni li tiffaċilita se tippermetti test tas-suq tal-vijabbiltà tal-prodott u li l-iżvilupp ta' dan is-suq ġdid jiddependi minn bosta fatturi oħra li huma indipendenti minn, jew jistgħu jkunu biss marbuta b'mod dgħajjef mal-qafas regolatorju. Dan x'aktarx jagħmilha diffiċli li jintgħażlu minn xulxin l-effetti tal-leġiżlazzjoni proposta per se (fi kliem ieħor, il-leġiżlazzjoni tista' taħdem b'mod preċiż kif maħsub iżda l-SBBSs jistgħu jonqsu milli jiżviluppaw xorta waħda għal raġunijiet indipendenti). Bl-istess mod, id-domanda għall-SBBS tiddependi fuq l-ambjent tar-rata tal-imgħax globali, l-aptit għar-riskju u d-domanda minn diversi tipi ta' investituri għas-segmenti differenti, eċċ. Fi kliem ieħor, filwaqt li l-SBBSs jistgħu ma jiżviluppawx fl-isfond ekonomiku attwali, dan ma jfissirx li ma jistgħux jagħmlu dan fil-futur, ladarba t-tfixkil regolatorju jitneħħa b'suċċess.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi(u) ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Fuq medda qasira ta' żmien, l-ESMA għandha l-kompitu li tiżviluppa l-kapaċità tagħha li tirċievi notifiki għall-ħruġ tal-SBBSs, li tivverifika l-konformità tagħhom mar-regolament, li tinforma lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tirċievi informazzjoni minnhom u tippubblika ħarġiet notifikati tal-SBBS u awtoritajiet nazzjonali kompetenti fuq is-sit web tagħha.

Barra minn hekk, l-ESMA tenħtieġ li tiżviluppa standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni fi żmien XXX xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-inizjattiva.

### 1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadann ta' koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività akbar jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li inkella kien ikun maħluq mill-Istati Membri waħedhom.*

Ir-raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

L-SBBSs huma għodda biex issaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja u l-kondiviżjoni tar-riskju fiż-żona tal-euro. Huma għalhekk jistgħu jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar tas-suq intern. L-Artikolu 114 TFUE, li jagħti lill-istituzzjonijiet Ewropej il-kompetenza li jistabbilixxu dispożizzjonijiet xierqa li għandhom bħala l-objettiv tagħhom it-twaqqif u l-funzjonament tas-suq intern, huwa għalhekk il-bażi ġuridika xierqa. L-impedimenti regolatorji identifikati għall-iżvilupp tas-swieq tal-SBBSs huma stabbiliti f'bosta biċċiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Bħala konsegwenza, azzjoni individwali tal-Istat Membru ma tkunx tista' tilħaq l-għanijiet ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva, jiġifieri li tneħħi impedimenti regolatorji bħal dawn, billi l-emendi tal-leġiżlazzjoni tal-UE jistgħu jsiru biss permezz ta' azzjoni tal-UE.

Il-valur miżjud iġġenerat mill-Unjoni mistenni (*ex post*)

Il-proposta leġiżlattiva timmira lejn il-progress fil-qasam tal-Unjoni Bankarja. L-SBBSs jistgħu jgħinu lill-banek u istituzzjonijiet oħra jiddiversifikaw il-portafolli ta' bonds sovrani tagħhom u jdgħajfu r-rabta bejn il-banek u l-emittenti sovrani, b'hekk tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja b'mod ġenerali.

*1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

L-ESMA ġiet mitluba żżomm reġistri diġà għall-UCITS, l-AIFs, l-EuVECA u l-EuSEF. B’mod ġenerali l-esperjenza kienet pożittiva.

*1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma’ strumenti xierqa oħra*

L-inizjattiva hija konformi mar-rwol imsaħħaħ li tingħata l-ESMA fil-proposta li tikkonċerna r-reviżjoni tal-ASE. Madankollu, ma għandha l-ebda impatt dirett fuq il-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-ASE minħabba li tikkonċerna kwistjoni teknika speċifika mhux indirizzata fir-reviżjoni.

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta / Inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta / Inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☑ Proposta / Inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn tħaddim fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[29]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

– ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

☑ korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209;

☐ korpi rregolati bil-liġi pubblika;

☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

| |
|---|
| Mhux Applikabbli |

29 Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit tal-BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx.

## 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

*Jiġu speċifikati l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

F’konformità ma’ arranġamenti diġà eżistenti, l-ESMA tipprepara rapporti regolari dwar l-attività tagħha (inkluż ir-rapportar intern lill-Maniġment Superjuri, ir-rapportar lill-Bordijiet u l-produzzjoni tar-rapport annwali) u tgħaddi minn awditi mill-Qorti tal-Awdituri u s-Servizz tal-Awditjar Intern dwar l-użu tagħha tar-riżorsi. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-azzjonijiet proposti preżenti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti diġà eżistenti.

### 2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)*

Fir-rigward tal-użu legali, ekonomiku, effiċjenti tal-approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-proposta, huwa mistenni li l-proposta ma toħloqx riskji ġodda li attwalment mhumiex koperti minn qafas ta’ kontroll intern eżistenti tal-ESMA.

#### *2.2.2. Metodu(i) ta’ kontroll previst(i)*

Is-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll kif stipulat fir-Regolament tal-ESMA huma diġà implimentati. L-ESMA taħdem mill-qrib mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni biex tiżgura li jiġu ssodisfati l-istandards xierqa fl-oqsma kollha ta’ kontroll intern. Dawn l-arranġamenti se japplikaw ukoll fir-rigward tar-rwol tal-ESMA skont il-proposta preżenti. Ir-rapporti annwali ta’ awditjar intern jintbagħtu lill-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet

*Jiġu speċifikati l-miżuri ta’ prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandhom japplikaw għall-ESMA mingħajr ebda restrizzjoni.

Bħalissa l-ESMA għandha strateġija ddedikata kontra l-frodi u l-pjan ta’ azzjoni li jirriżulta. L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni ġew stabbiliti fl-2014. L-azzjonijiet imsaħħa tal-ESMA fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi se jkunu konformi mar-regoli u l-gwida pprovduti mir-Regolament Finanzjarju (miżuri kontra l-frodi bħala parti minn ġestjoni finanzjarja b’saħħitha), il-politiki tal-OLAF għall-prevenzjoni tal-frodi, id-dispożizzjonijiet ipprovduti mill-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni (COM(2011) 376) kif ukoll kif stabbiliti mill-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE (Lulju 2012) u l-pjan direzzjonali relatat.

Ir-Regolament li jwaqqaf l-ESMA jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit tal-ESMA u r-regoli finanzjarji applikabbli.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i)

- Il-linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | Diff./Mhux diff[30]. | minn pajjiżi tal-EFTA[31] | minn pajjiżi kandidati[32] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 1.a | 12 02 06 ESMA | Diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura………………………………………] | Diff./mhux diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.SS.SS.SS] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

30 Diff: = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
31 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
32 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 1A | Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi |
|---|---|---|

| ESMA | | | Sena N[33] | Sena **N+1**[34] | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: | Impenji | (1) | 0.419 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | |
| | Pagamenti | (2) | 0.419 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | |
| Titolu 2: | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | | | | |
| Titolu 3: | Impenji | (3a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (3b) | | | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-ESMA** | Impenji | =1+1a +3a | 0.419 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | |
| | Pagamenti | =2+2a +3b | 0.419 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | |

33 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

34 In-nefqa għall-perjodu wara l-2020 qed tingħata biss għal skopijiet illustrattivi. L-impatt finanzjarju fuq il-Baġit Ewropew wara l-2020 se jkun parti mill-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 5 | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <......> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi Umani | | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **DĠ TOTALI** <......> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | | | | | | | | |

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N**[35] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0.419 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | |
| | Pagamenti | 0.419 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | 0.225 | |

35 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-ESMA*

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma tenħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☑ Il-proposta / L-inizjattiva tenħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Jiġu indikati l-objettivi u r-riżultati ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1**[36] | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[37] | Spiża medja | Le | Spiża | Le | Spiża | Le | Spiża | Le | Spiża | Le | Spiża | Le | Spiża | Le | Spiża | Nru Totali | Spiża totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[38]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - L-iżvilupp ta' reġistru ta' notifiki tal-SBBS, bażi ta' *data* tas-sanzjonijiet tal-SBBS, lista tal-NCAs tal-SBBS u mudelli għan-notifiki | | | | 0.281 | | 0.097 | | 0.097 | | 0.097 | | 0.097 | | 0.097 | | 0.097 | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

36 In-nefqa għall-perjodu wara l-2020 qed tingħata biss għal skopijiet illustrattivi. L-impatt finanzjarju fuq il-Baġit Ewropew wara l-2020 se jkun parti mill-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

37 Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi fornuti (pereż.: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

38 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku(ċi)…"

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **SPIŻA TOTALI** | | 0.281 | | 0.097 | | 0.097 | | 0.097 | | 0.097 | | 0.097 | | 0.097 | | |

### 3.2.3. *Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-ESMA*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta / L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[39] | Sena **N+1**[40] | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** [41] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) | 0.087 | 0.082 | 0.082 | 0.082 | 0.082 | 0.082 | 0.082 | |
| Uffiċjali (gradi AST) | | | | | | | | |
| Persunal b'kuntratt | 0.051 | 0.046 | 0. 046 | 0. 046 | 0. 046 | 0. 046 | 0. 046 | |
| Persunal temporanju | | | | | | | | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0.119** | **0.128** | **0.128** | **0.128** | **0.128** | **0.128** | **0.128** | |

<u>Impatt stmat fuq il-persunal (FTE addizzjonali) – pjan ta' twaqqif</u>

| Grupp u grad tal-funzjoni | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) |
|---|---|---|---|---|
| AD16 | | | | |
| AD15 | | | | |
| AD14 | | | | |
| AD13 | | | | |

39 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

40 In-nefqa għall-perjodu wara l-2020 qed tingħata biss għal skopijiet illustrattivi. L-impatt finanzjarju fuq il-Baġit Ewropew wara l-2020 se jkun parti mill-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

41 Inklużi l-ispejjeż tar-reklutaġġ

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| AD12<br>AD11<br>AD10<br>AD9<br>AD8<br>AD7<br>AD6<br>AD5 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Total AD | 1 | 1 | 1 | 1 |
| AST11<br>AST10<br>AST9<br>AST8<br>AST7<br>AST6<br>AST5<br>AST4<br>AST3<br>AST2<br>AST1 | | | | |
| Total AST | | | | |
| AST/SC 6<br>AST/SC 5<br>AST/SC 4 | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| AST/SC 3<br>AST/SC 2<br>AST/SC 1 | | | | |
| Total AST/SC | | | | |
| SOMMA FINALI | | | | |

Impatt stmat fuq il-persunal (addizzjonali) – persunal estern

| Aġenti kuntrattwali | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) |
|---|---|---|---|---|
| Grupp ta' funzjoni IV<br>Grupp ta' funzjoni III<br>Grupp ta' funzjoni II<br>Grupp ta' funzjoni I | 0.5 | 1 | 1 | 1 |
| Total | 0.5 | 1 | 1 | 1 |

| Esperti Nazzjonali Sekondati | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) |
|---|---|---|---|---|
| Total | | | | |

Indika d-data ppjanata ta' reklutaġġ u adatta l-ammont skont il-każ (jekk ir-reklutaġġ iseħħ f'Lulju, jitqies biss 50 % tal-ispiża medja) u pprovdi aktar spjegazzjonijiet f'anness.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

– ☑ Il-proposta / L-inizjattiva ma tenħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva tenħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa pożizzjoni deċimali waħda)*

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N +2** | Sena **N +3** | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' twaqqif (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| • **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)**[42] | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AC, SNE, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| **XX** 01 04 ***ss***[43] - fil-Kwartieri Ġenerali[44] | | | | | | | |
| - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (jiġu speċifikati) | | | | | | | |

42 AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet.

43 Is-sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

44 Prinċipalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (European Fisheries Fund, EFF).

| TOTAL | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|

**XX** huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li diġà ngħataw kariga band’oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta’ allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-ispiża għall-unitajiet tal-FTE għandha tiġi inkluża fl-Anness V, Taqsima 3.

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☑ Il-proposta / L-inizjattiva se tinvolvi pprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| Jiġi spjegat liema pprogrammar mill-ġdid huwa meħtieġa, billi jiġu speċifikati l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |
|---|

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[45].

| Jiġi spjegat dak li huwa meħtieġ, filwaqt li jiġu speċifikati l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br>[…] |
|---|

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' terzi persuni*

– Il-proposta / L-inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn terzi persuni.

– Il-proposta / L-inizjattiva tipprovdi għal kofinanzjament stmat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1**[46] | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| NCAs[47] | 0.600 | 0.338 | 0.338 | 0.338 | 0.338 | 0.338 | 0.338 | |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati | 0.600 | 0.338 | 0.338 | 0.338 | 0.338 | 0.338 | 0.338 | |

45 Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

46 In-nefqa għall-perjodu wara l-2020 qed tingħata biss għal skopijiet illustrattivi. L-impatt finanzjarju fuq il-Baġit Ewropew wara l-2020 se jkun parti mill-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

47 Il-livell ta' kofinanzjament għall-ASE huwa kkalkulat skont il-modalitajiet attwali ta' governanza u finanzjament u ma jqisx il-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-ASE li għadha ma ġietx adottata.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☑ Il-proposta / Linizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta / L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
  - ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta / tal-inizjattiva[48] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Jitniżżel kemm hemm bżonn snin biex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", tiġi/jiġu speċifikata(i) l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i).

| |
|---|
| |

Jiġi speċifikat l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

48 Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż ta' ġbir.